



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15648/22

VISA 200
COEST 883
COWEB 174
MIGR 400
FRONT 456
ASIM 105
COMIX 596

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Diċembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru. dok. preċ.:	11156/21
Nru dok. Cion:	COM(2022) 715 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL ĦAMES RAPPORT FL-AMBITU TAL-MEKKANIŻMU TA' SOSPENSJONI TAL-VIŻA

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 715 final.

Mehmuż: COM(2022) 715 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.12.2022
COM(2022) 715 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**ĦAMES RAPPORT FL-AMBITU TAL-MEKKANIŻMU TA' SOSPENSJONI TAL-
VIŻA**

{SWD(2022) 405 final}

Werrej

Introduzzjoni.....	2
I. L-Albanija.....	3
II. Il-Bożnija-Herzegovina.....	9
III. Il-Montenegro.....	13
IV. Il-Maċedonja ta' Fuq.....	19
V. Is-Serbja.....	24
VI. Il-Georgia.....	29
VII. Ir-Repubblika tal-Moldova	35
VIII. L-Ukrajna	40
Konklużjonijiet	46

Introduzzjoni

Il-liberalizzazzjoni tal-viża għadha għodda b'saħħitha sabiex jiġu ffaċilitati l-kuntatti bejn il-persuni u sabiex jiġu appoġġati r-riformi fil-Balkani tal-Punent u fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant fl-oqsma tal-ġustizzja, tas-sigurtà u tal-libertajiet fundamentali.

L-Artikolu 8(4) tar-Regolament dwar il-Viża¹ jirrikjedi li l-Kummissjoni tiżgura monitoraġġ xieraq tal-issodisfar kontinwu tar-rekwiżiti dwar l-eżenzjoni mill-viża minn dawk il-pajjiżi li ċ-ċittadini tagħhom kisbu aċċess mingħajr viża għall-UE wara t-tlestija b'suċċess ta' djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża. Għal dan l-għan, mill-2017, il-Kummissjoni adottat erba' rapporti taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Eżenzjoni ta' Viża², li jkopru l-pajjiżi mingħajr viża fil-Balkani tal-Punent (l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja) u fis-Sħubija tal-Lvant (il-Georgia, il-Moldova, u l-Ukrajna).

Fir-rigward tas-sħab mingħajr viża fil-Balkani tal-Punent u fil-Moldova, li ċ-ċittadini tagħhom ma kinux jeħtieġu viża sabiex jivvjaġġaw (eżentati mir-rekwiżit ta' viża) għal aktar minn seba' snin, dan ir-rapport jiffoka fuq is-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet fir-rapporti preċedenti tal-Kummissjoni u ma għadux jipprovdi d-dettalji kollha dwar l-issodisfar kontinwu tal-parametri referenzjarji dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża. L-aspetti relatati mal-parametri referenzjarji għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent mingħajr viża għadhom jiġu vvalutati bħala parti mill-proċess tat-tkabbir, skont il-Kapitolu 23, il-Ġudikatura u d-Drittijiet Fundamentali, u l-Kapitolu 24, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, u huma rrapportati fil-pakkett annwali tat-tkabbir tal-Kummissjoni³. Għall-Georgia u għall-Ukrajna, li kellhom vjaġġar mingħajr viża għal anqas minn seba' snin, ir-rapport jivvaluta wkoll l-issodisfar kontinwu tal-parametri referenzjarji tal-liberalizzazzjoni tal-viża.

Dan il-ħames rapport jivvaluta l-azzjoni meħuda fl-2021 (fil-migrazzjoni, fl-ażil, fir-riammissjoni, fil-kooperazzjoni ġudizzjarja, fl-ordni pubbliku, u fis-sigurtà), b'aġġornamenti għall-2022, meta jitqies rilevanti li għandhom impatt sinifikanti fuq ir-rakkomandazzjonijiet. Jirrapporta wkoll dwar il-kooperazzjoni operazzjonali mal-UE u mal-Istati Membri⁴, u jinkludi ħarsa ġenerali lejn ix-xejriet ta' migrazzjoni⁵ li jirriflettu d-data tal-Eurostat għas-sena statistika 2021, inklużi l-bidliet meta mqabbla mal-2020.

Ir-rapport jibbaża fuq kontributi mill-pajjiżi kollha koperti, mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, mill-aġenziji rilevanti tal-ġustizzja u tal-affarijiet interni tal-UE⁶ u mill-Istati Membri. Ir-

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1806 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa, ĠU L 303, 28.11.2018, p. 39.

² COM(2017) 815 final (l-ewwel rapport); COM(2018) 856 final (it-tieni rapport); COM(2020) 325 final (it-tielet rapport); COM(2021) 602 final (ir-raba' rapport).

³ Il-pakkett tal-2022 ġie adottat fit-12 ta' Ottubru 2022.

⁴ Għal dan ir-rapport, it-terminu "Stati Membri" jirreferi għall-Istati Membri li japplikaw ir-Regolament (UE) 2018/1806 ("ir-Regolament dwar il-Viża"), jiġifieri, l-Istati Membri kurrenti kollha (minbarra l-Irlanda) u l-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen.

⁵ Filwaqt li l-parametri referenzjarji tal-liberalizzazzjoni tal-viża relatati mal-migrazzjoni huma limitati għall-politiki dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni tal-pajjiżi terzi kkonċernati, it-taqsima dwar it-tendenzi tal-migrazzjoni tirrifletti l-migrazzjoni irregolari lejn l-Istati Membri, ir-rifjuti ta' dħul maħruġin mill-Istati Membri, u l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentati fl-Istati Membri minn ċittadini tal-pajjiżi koperti fir-rapport.

⁶ L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA), l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol). Il-kontribut tal-Europol huwa bbażat fuq l-input ipprovdut mill-Istati Membri u mill-pajjiżi sħab għall-pubblikazzjoni tal-2021 tal-Europol *European Union serious*

rapport huwa akkumpanjat ukoll minn dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, li jipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar l-azzjoni meħuda mill-pajjiżi sħab f'kooperazzjoni mal-UE u b'mod bilaterali mal-Istati Membri.

I. L-Albanija

1. Il-migrazzjoni, l-ażil u r-riammissjoni

1.1. L-azzjoni meħuda fil-qasam tal-migrazzjoni, tal-ażil u tal-kooperazzjoni fir-riammissjoni

Fl-2021, l-Albanija kompliet tieħu azzjoni fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni u f'dak tal-ażil. L-Istati Membri jirrapportaw kooperazzjoni tajba b'mod ġenerali mal-Albanija dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-fruntieri, kif ukoll dwar ir-ritorni u l-konformità skont it-termini tal-Ftehim ta' Riammissjoni tal-UE. Din il-kooperazzjoni tajba ġiet iddikjarata wkoll fil-Kumitat Konġunt tar-Riammissjoni li sar fi Frar 2022.

Fl-2021, l-Albanija kkooperat mal-Istati Membri li ġejjin dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-fruntieri: il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, il-Kroazja, u n-Netherlands. L-Albanija żżomm kooperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u, fl-2021, kienet l-ewwel pajjiż li pparteċipa f'operazzjoni ta' ritorn immexxija mill-Frontex. Uffiċjal ta' Kollegament tal-Frontex huwa preżenti fil-pajjiż. Pjan direzzjonali għall-kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil⁷ għadu qiegħed jiġi implimentat sal-aħħar tal-2022.

Il-Kummissjoni għamlet ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt f'*Ir-Raba' Rapport taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża*.

a) It-tkomplija tal-kooperazzjoni mal-Istati Membri l-aktar affettwati minn applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi minn ċittadini Albaniżi.

L-Albanija kompliet tieħu azzjoni sabiex tindirizza l-kwistjoni ta' applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi magħmulin miċ-ċittadini tagħha billi saħħet il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni tagħha mal-Istati Membri, speċjalment dawk l-aktar affettwati minn din il-kwistjoni. Dan kien jinkludi l-kooperazzjoni fl-implimentazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni għall-prevenzjoni ta' abbużi tas-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża u l-intensifikazzjoni tal-operazzjonijiet ta' ritorn mal-Frontex u mal-Istati Membri, bħal Franza, il-Ġermanja, il-Belġju u l-Italja. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni ta' żewġ pjanijiet ta' azzjoni għadha għaddejja sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' minorenni Albaniżi mhux akkumpanjati fl-Italja u ta' applikanti Albaniżi għall-ażil fi Franza.

Il-Pulizija tal-Istat tal-Albanija kompliet timplimenta miżuri sabiex issaħħaħ il-kontrolli tal-ħruġ u l-kontrolli fuq il-minorenni li jivvjaġġaw barra mill-pajjiż, u għal dan l-għan tqassmu fuljetti għall-punti ta' qsim tal-fruntieri.

b) Iż-żieda tal-partekipazzjoni fl-attivitajiet tal-pjan ta' azzjoni operazzjonali tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT) relatati mal-ġlieda kontra l-għajnuna għall-immigrazzjoni illegali.

and organised crime threat assessment, *A corrupting influence: the infiltration and undermining of Europe's economy and society by organised crime*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

⁷ L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO) fil-mument tal-iffirmar.

Fl-2021, l-Albanija ħadet sehem f'diversi attivitajiet ta' jiem ta' azzjoni konġunta organizzati mill-programm EMPACT li ffokaw fuq il-migrazzjoni irregolari, b'mod partikolari: (i) il-migrazzjoni irregolari fil-punti ta' qsim tal-fruntiera; (ii) il-fruntieri ħodor u blu; (iii) il-faċilitazzjoni tal-migrazzjoni irregolari, it-traffikar ta' bnedmin u l-falsifikazzjoni ta' dokumenti; (iv) l-użu ta' bażijiet tad-data tal-INTERPOL sabiex jiġu identifikati l-migranti irregolari suspettati li jkunu għallieda terroristiċi barranin u sabiex jiġi miġġieled it-traffikar ta' bnedmin għall-finijiet ta' sfruttament sesswali, ta' użu bħala tallaba u ta' involviment fil-kriminalità. F'April 2020 inġabar ukoll koordinatur nazzjonali tal-EMPACT.

c) Jitfasslu kampanji ta' informazzjoni dwar is-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża għal profili ta' migranti rilevanti, inklużi gruppi vulnerabbli, dawk li jibqgħu lil hinn mill-perjodu li għalih ingħataw l-approvazzjoni sabiex jidħlu (soġġorni għal żmien eċċessiv), u dawk li jagħmlu talbiet għall-ażil bla bażi.

Il-Ministeru għall-Intern tal-Albanija ħadem mill-qrib ma' aġenziji tal-UE bħall-Frontex u l-Europol, l-Istati Membri u l-aġenziji nazzjonali tal-iżvilupp tagħhom, u organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-IOM, il-UNHCR u l-OSKE, dwar l-implimentazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni, il-promozzjoni tar-ritorn volontarju, u l-appoġġ lil persuni rimpatrijati fil-proċess ta' riintegrazzjoni.

d) Jiġi żgurat allinjament ulterjuri tal-politika tal-Albanija dwar il-viżi mal-lista tal-UE ta' pajjiżi terzi bir-reqwiżit ta' viża, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji ta' migrazzjoni irregolari jew għas-sigurtà għall-UE⁸.

L-Albanija ma ħadet l-ebda azzjoni sabiex tkompli tallinja l-politika tagħha dwar il-viżi mal-lista tal-UE ta' pajjiżi terzi b'reqwiżit ta' viża⁹. Għall-kuntrarju, fl-2021 u fil-bidu tal-2022, l-Albanija tbiegħdet mill-allinjament rakkomandat.

Qabel l-2021, ċittadini minn diversi pajjiżi terzi, inklużi l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarużja, iċ-Ċina, il-Guyana, il-Kazakistan, il-Kuwajt u t-Turkija, kienu eżentati mill-viża għall-Albanija. L-Albanija neħħiet ir-reqwiżiti tal-viża skont l-istaġun (minn Mejju sa Settembru) għaċ-ċittadini tal-Bahrain, l-Oman, il-Qatar, ir-Rużja, l-Arabja Sawdija u t-Tajlandja. Iċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi kollha jrid ikollhom viża valida sabiex jidħlu fl-UE. It-tneħħija skont l-istaġun tar-reqwiżiti tal-viża ma hijiex konformi mal-politika tal-UE dwar il-viżi. Fl-2021, l-Albanija żiedet l-Eġittu u l-Indja mal-lista ta' pajjiżi li jibbenefikaw minn vjaġġar mingħajr reqwiżit ta' viża skont l-istaġun. Fit-2 ta' Diċembru 2022, l-Albanija informat lill-Kummissjoni li l-eżenzjoni mill-viża staġjonali għaċ-ċittadini Eġizzjani li jivvjaġġaw għalskopijiet turistiċi skadiet fit-30 ta' Settembru, u li mhux se tiġġedded biex jiġi żgurat allinjament mal-politika tal-UE dwar il-viżi. Il-pajjiż ħa wkoll id-deċiżjoni li jagħti eżenzjoni permanenti mill-viża lil ċittadini barranin li għandhom permess validu ta' soġġorn fl-Emirati Għarab Magħquda. Filwaqt li din id-deċiżjoni ġiet emendata sabiex timponi kundizzjonijiet restrittivi (eż. permess ta' residenza jrid ikun għal 10 snin), l-eżenzjoni ma ġietx irrevokata. Tali estensjoni ma hijiex konformi mal-politika tal-UE dwar il-viża u kienet soġġetta għal abbuż peress li xi ċittadini barranin b'permess ta' residenza tal-UAE ma rritornawx lejn l-UAE u, minflok, ħarbu bl-intenzjoni probabbli li jidħlu fl-UE. Barra minn hekk, f'April 2022, il-perjodu ta'

⁸ Għall-finijiet ta' dan ir-Rapport, għandu jittieħed kont dovut tal-fatt li għal xi pajjiżi terzi bir-reqwiżit ta' viża għall-UE, hemm impenn kontinwu dwar kwistjonijiet ta' politika dwar il-viżi, inklużi proposti għal eżenzjoni mill-viża, Djalogi dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża u Ftehimiet għall-Faċilitazzjoni tal-Viża.

⁹ L-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1806.

vjaġġar mingħajr rekwiżit ta' viża skont l-istaġun għall-Bahrain, għall-Indja, għall-Oman, għall-Qatar, għall-Arabja Sawdija u għat-Tajlandja ġie estiż sal-aħħar tas-sena. Fit-2 ta' Diċembru 2022, l-Albanija informat lill-Kummissjoni li l-eżenzjoni staġjonali mill-viża għaċ-ċittadini Indjani li jivvjaġġaw għal skopijiet turistiċi, li tiskadi fil-31 ta' Diċembru, mhix se tiġġedded.

Għandha tiġi evitata kwalunkwe devjazzjoni ulterjuri mil-lista tal-UE ta' pajjiżi b'rekwiżit ta' viża. L-Albanija għandha tiżgura progress fl-allinjament tal-politika tagħha mal-lista tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji ta' migrazzjoni irregolari jew ta' sigurtà. Din se tkun tema importanti ta' dialoġu kontinwu bejn l-UE u l-Albanija. Fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-viża u f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament dwar il-Viża, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja u tivvaluta kontinwament l-azzjoni tal-Albanija lejn l-allinjament tal-viża tal-UE.

1.2. Il-monitoraġġ tat-tendenzi fil-migrazzjoni irregolari, fl-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, fir-ritorni u fir-riammissjoni

In-numru ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali (jew applikazzjonijiet għall-ażil)¹⁰ ippreżentati fl-Istati Membri minn ċittadini tal-Albanija żdied bi 63 % bejn l-2020 u l-2021, bi 11 300 applikazzjoni ppreżentati fl-2021. Ir-rata ta' rikonossiment¹¹ żdiedet minn 5 % fl-2020 għal 9 % fl-2021.

Fl-2021, l-Istati Membri rrapportaw 1 160 każ ta' qsim irregolari tal-fruntieri, 19 % anqas mill-2020 (1 429), filwaqt li n-numru ta' ċittadini Albaniżi li nstab li kienu qegħdin jgħixu b'mod irregolari fl-Istati Membri naqas b'21 % meta mqabbel mal-2020 (minn 30 870 fl-2020 għal 37 305 fl-2021). In-numru ta' rifjuti ta' dħul għaċ-ċittadini Albaniżi fl-Istati Membri żdied b'39 % fl-2021 (minn 13 315 fl-2020 għal 18 565 fl-2021).

In-numru ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġin fl-2020 (23 150) naqas bi ftit (b'5 %) fl-2021 (22 025). Fl-2021, ġew irrapportati 9 415-il ritorn effettiv ta' ċittadini Albaniżi, meta mqabblin ma' 10 190 fl-2020 (tnaqqis ta' 8 %).

2. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja, l-ordni pubbliku u s-sigurtà

Fl-2021, komplew l-isforzi fil-kooperazzjoni ġudizzjarja, fl-ordni pubbliku u fis-sigurtà. B'mod ġenerali, l-Istati Membri jirrapportaw kooperazzjoni tajba mal-Albanija fil-qasam tas-sigurtà. L-Albanija kompliet tikkoopera mal-Europol, mal-Eurojust u mal-Istati Membri, inklużi ċ-Ċekja, il-Ġermanja, Franza, in-Netherlands u l-Iżvezja. Wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni mal-Eurojust fl-2019, Prosekutur ta' Kollegament fl-Albanija fil-Eurojust beda bil-ħidma f'Jannar 2021, u l-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Kollegament għall-Albanija fil-Eurojust ġie inawgurat f'Ottubru. Fl-2021, l-Albanija ffirmat ħames ftehimiet ġodda dwar l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunta f'każijiet appoġġati mill-Eurojust.

¹⁰ Għal definizzjoni, ara https://home-affairs.ec.europa.eu/pages/glossary/application-international-protection_mt

¹¹ Għal dan ir-rapport, ir-rata ta' rikonossiment tal-ażil tiġi kkalkolata bħala s-sehem mid-deċiżjonijiet pożittivi fil-Prim'Istanza (inklużi l-protezzjoni ta' Ġinevra, il-protezzjoni sussidjarja, u l-istatus umanitarju) fin-numru totali ta' deċiżjonijiet fil-Prim'Istanza. Għal definizzjoni, ara https://home-affairs.ec.europa.eu/pages/glossary/recognition-rate-procedures-international-protection_mt

Il-Kummissjoni għamlet ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt f'*Ir-Raba' Rapport taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża*.

a) Aktar progress lejn l-istabbiliment ta' rekord solidu ta' każijiet ta' korruzzjoni u ta' qbid, ta' konfiska u ta' rkupru ta' assi kriminali li jirriżultaw minn reati ta' korruzzjoni.

L-Albanija għamlet progress fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u kontra l-korruzzjoni kif ukoll fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu. Fl-2021, l-Albanija rrapportat żieda (18 %) fin-numru ta' operazzjonijiet tal-pulizija meta mqabbla mal-2020. Barra minn hekk, fl-2021, kien hemm żieda fin-numru ta' gruppi kriminali mkissrin u fl-assi kriminali maqbudin, li l-valur tagħhom żdied b'aktar mid-doppju meta mqabbel mal-2020. Il-qabdiet ta' narkotiċi żdiedu wkoll b'mod ġenerali fl-2021 meta mqabblin mal-2020.

Komplew isiru sforzi fit-titjib tar-rekord ta' investigazzjonijiet, ta' prosekuzzjonijiet u ta' kundanni fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Madankollu, għadhom neċessarji aktar rieda politika u sforz aktar strutturat u konsistenti, inkluż dwar riżorsi, għodod u ħiliet adegwati. In-numru ta' każijiet ta' korruzzjoni mibgħutin il-qorti kien ta' 440 fl-2021, li jinkludu 31 mill-Uffiċċju Speċjali tal-Prosekuzzjoni. Il-kundanni finali ta' individwi akkużati b'reati ta' korruzzjoni ammontaw għal 235 fil-Prim'Istanza u għal 99 fil-livell tal-qrati tal-appell u tal-aħħar istanza. In-numru kumplessiv ta' każijiet riferiti lill-prosekuzzjoni fl-2021 kien ta' 3 351.

L-Albanija kompliet bl-isforzi tagħha sabiex tibni rekord tajjeb tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Fl-2021, kien hemm 41 każ ġdid riferiti lill-prosekuzzjoni (meta mqabblin ma' 22 fl-2020), 14-il att tal-akkuża għal grupp kriminali strutturat (meta mqabblin ma' 15 fl-2020), u ngħalqu 19-il każ b'75 individwu b'kundanni finali fil-livell ta' appell (meta mqabblin ma' 13 fl-2020).

Fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu, kien hemm żieda fin-numru ta' operazzjonijiet tal-pulizija mwettqin. L-Albanija wettqet ukoll seba' operazzjonijiet ma' sħab internazzjonali, inkluż taħt il-jiem ta' azzjoni konġunta tal-EMPACT.

Fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, l-Albanija rrapportat dwar każijiet ta' riferimenti, investigazzjonijiet, prosekuzzjoni, qbid u konfiska ta' assi, monitoraġġ tal-media soċjali taċ-ċittadini li jirritornaw minn pajjiżi f'kunflitt, u l-progress tad-Direttorat Ċentrali tal-Investigazzjoni, skont il-pjan ta' azzjoni tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja. Madankollu, l-Albanija ma lestietx l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan ta' azzjoni sal-iskadenza ta' Frar 2022.

L-emendi għal-liġi dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus li kellhom l-għan li jallinjaw mar-raba' u mal-ħames direttivi tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus ġew adottati fil-Parlament f'Diċembru 2021. Barra minn hekk, fl-2021, l-Albanija adottat liġi dwar ir-reġistru ċentrali tal-kontijiet bankarji bħala parti mill-azzjoni tagħha sabiex tipprevjeni l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Barra minn hekk, fl-2020 ġiet adottata liġi li tistabbilixxi reġistru tas-sjeda benefiċjarja. Il-ħidma sabiex jiġi ppopolat ir-reġistru bdiet fi Frar 2021 b'informazzjoni dwar l-entitajiet obbligati, u issa fil-biċċa l-kbira huwa popolat.

b) It-tkomplija tal-iżvilupp tal-użu sistematiku ta' investigazzjonijiet finanzjarji paralleli u ż-żieda tal-parteeċipazzjoni f'investigazzjonijiet u fi prosekuzzjonijiet koordinati jew konġunti mal-pajjiżi fir-reġjun u mal-Istati Membri.

L-Albanija kompliet tikkoopera mal-pajjiżi fir-reġjun u mal-Istati Membri. Dan seħħ l-aktar bl-iskambju ta' informazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja meta ġew investigati reati kriminali relatati

man-narkotiċi, mat-traffikar illeċitu, mal-ħasil tal-flus, mal-kriminalità ekonomika u finanzjarja, maċ-ċiberkriminalità u mal-kriminalità serja. L-informazzjoni ġiet skambjata l-aktar permezz tal-INTERPOL, il-Europol, il-Eurojust u n-Network CARIN. Meta mqabbla mal-2020, l-Albanija rrapportat żieda fl-operazzjonijiet tal-pulizija, fil-proċedimenti kriminali u fl-iskwadri ta' investigazzjoni konġunta f'kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali li jiġġieldu l-kriminalità organizzata.

Fl-2021, kien hemm 8 skwadri ta' investigazzjoni konġunta li kienu jinvolvu sħab mill-Albanija (4 fl-2020), li rriżultaw fi 30 laqgħa operazzjonali konġunta. L-Albanija għandha uffċjal ta' kollegament tal-pulizija fil-Europol u qiegħda tippjana li tuża t-tieni wieħed. Il-pajjiż kompli jipparteċipa b'mod attiv fil-jiem ta' azzjoni konġunta tal-EMPACT li ppromwovew il-kooperazzjoni fl-indirizzar tat-traffikar tal-armi tan-nar, tal-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, tat-traffikar tad-drogi, tar-reati konnessi ma' vetturi bil-mutur, tat-traffikar ta' bnedmin, u tal-frodi tad-dokumenti. Fl-2021, l-Uffċċju ta' Kollegament tal-Albanija għall-Eurojust irreġistra 21 każ fuq talba tal-awtoritajiet tal-Albanija, li 16 minnhom tlestew. Fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, infetħu 30 każ ġdid mal-Uffċċju ta' Kollegament tal-Albanija. Ġew konklużi ħames ftehimiet ġodda għat-twaqqif ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunta. L-emendi għal-liġi dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ma' ġuriżdizzjonijiet barranin, adottati f'Lulju 2021, urew li kienu utli sabiex jgħinu fit-twaqqif ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunta, iżda se jkunu meħtieġa aktar sforzi sabiex il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiġi allinjata mal-acquis tal-UE. Il-gvern ippreżenta għall-konsultazzjoni pubblika abbozz ta' liġi dwar l-amnestija fiskali u kriminali ta' suġġetti li jagħmlu d-dikjarazzjoni volontarja tal-assi. Din il-kwistjoni hija koperta fir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Albanija għall-2022.

Il-proċedimenti kriminali u l-investigazzjonijiet finanzjarji paralleli twettqu mill-Uffċċju Speċjali tal-Prosekuzzjoni għall-Korruzzjoni u għall-Kriminalità Organizzata f'diversi każijiet ta' profil għoli li involvew politiċi, membri tal-istituzzjonijiet Albaniżi, il-ġudikatura, l-awtoritajiet lokali u s-settur tan-negozju.

c) Ikompli jsir progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu għall-Balkani tal-Punent.

Fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-Albanija kompliet tagħmel progress tajjeb fl-implimentazzjoni tal-ħames oġġettivi stabbiliti fil-pjan ta' azzjoni konġunt tal-2018 fil-ġlieda kontra t-terroriżmu għall-Balkani tal-Punent u tal-miżuri inklużi fl-arranġament bilaterali ffirmat mal-Kummissjoni fl-2019. Minn Ġunju 2021, ir-reati kollha relatati mat-terroriżmu u mal-finanzjament inġiebu taħt ir-responsabbiltà tal-Uffċċju Speċjali tal-Prosekuzzjoni għall-Korruzzjoni u għall-Kriminalità Organizzata. Il-kooperazzjoni internazzjonali u l-iskambju ta' informazzjoni dwar persuni rimpatrijati għadhom sodisfaċenti.

Hemm ukoll kooperazzjoni tajba mal-Unità tal-Intelligence Finanzjarja fl-implimentazzjoni tal-miżuri tal-pjan ta' azzjoni f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja u tal-Kumitat ta' Esperti dwar l-Evalwazzjoni ta' Miżuri Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu (Moneyval).

L-Unità ta' Investigazzjoni tal-Finanzjament tat-Terroriżmu attendiet sitt korsijiet ta' taħriġ fl-2021 organizzati mill-OCSE, mill-UNODC, u mis-CEPOL, fost l-oħrajn.

d) *Tiġi evitata l-adozzjoni ta' skema taċ-ċittadinanza b'investiment fuq il-bażi tal-Liġi l-ġdida dwar iċ-Ċittadinanza.*

Minkejja t-tħassib tal-Kummissjoni espress fl-2019¹², minn Lulju 2020, l-Albanija kellha leġiżlazzjoni fis-seħħ li tippermetti l-istabbiliment ta' "skema taċ-ċittadinanza b'investiment" ("passaporti tad-deheb"). L-Aġenzija tal-Programmi Speċjali taċ-Ċittadinanza stabbiliet grupp ta' ħidma konġunt sabiex twettaq studju tal-fattibbiltà għall-implimentazzjoni futura tagħha. Fl-2022, il-Gvern adotta deċiżjoni li tintroduċi bażi ġuridika għall-Ministeru għall-Intern sabiex titnieda proċedura ta' Sħubija Pubblika-Privata għall-implimentazzjoni tal-programmi taċ-ċittadinanza.

It-twaqqif ta' skema taċ-ċittadinanza b'investiment imur kontra r-rakkomandazzjonijiet li saru f'*Ir-Raba' Rapport taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża* u l-pakkett ta' tkabbir tal-2021¹³. Skema taċ-ċittadinanza b'investiment tista' tintuża sabiex jiġu evitati l-proċedura tal-viża tal-UE għal soġġorn qasir u l-valutazzjoni fil-fond tar-riskji migratorji u ta' sigurtà individwali li din il-proċedura tinvolvi, inkluża l-possibbiltà ta' evażjoni tal-miżuri għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu. Dan huwa ta' tħassib kbir għall-UE fil-kuntest tal-ftehim tagħha mal-Albanija dwar l-eżenzjoni mir-rekwiżit ta' viża¹⁴. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li, jekk skemi bħal dawn jitqiesu li jikkostitwixxu riskju akbar għas-sigurtà interna u għall-ordni pubbliku tal-Istati Membri, is-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża tista' tiġi sospiza¹⁵.

3. Rakkomandazzjonijiet għall-Albanija

L-Albanija ħadet azzjoni sabiex tindirizza l-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni. Madankollu, il-pajjiż ħa wkoll miżuri li jmorru kontra żewġ rakkomandazzjonijiet; rigward l-allinjament tal-viża u l-iskema taċ-ċittadinanza b'investiment. Għalhekk, huwa meħtieġ aktar progress, u jeħtieġ li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet li ġejjin.

- a) L-allinjament, bħala kwistjoni ta' prijorità, tal-politika tal-Albanija dwar il-viżi mal-lista tal-UE ta' pajjiżi terzi bir-rekwiżit ta' viża, b'mod partikolari fir-rigward ta' daww il-pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji ta' migrazzjoni irregolari jew għas-sigurtà għall-UE.
- b) Iż-żamma lura mill-implimentazzjoni tal-iskema taċ-ċittadinanza b'investiment u r-revoka tal-bażi ġuridika għal skema bħal din bl-emendar tal-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza.
- c) L-issoktar tal-kooperazzjoni mal-Istati Membri l-aktar affettwati minn applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi ta' ċittadini Albaniżi u l-implimentazzjoni ta' kampanji ta' informazzjoni dwar is-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża, billi jiffasslu għall-profil tal-migranti rilevanti, inklużi gruppi

¹² Qabel l-eżami mill-Parlament tal-Albanija tal-abbozz ta' Liġi dwar iċ-Ċittadinanza, *it-Tielet Rapport taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża* fakkar li f'Ottubru 2019 il-Kummissjoni kienet indirizzata ittra lill-gvern tal-Albanija li fiha talbet kjarifika f'dan ir-rigward u wissiet dwar ir-riskji inerenti u l-konsegwenzi possibbli tal-introduzzjoni ta' skema bħal din.

¹³ SWD(2021) 289 final.

¹⁴ Dawn ir-riskji ġew enfasizzati wkoll fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Marzu 2022 dwar passi immedjati fil-kuntest tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna fir-rigward ta' skemi ta' ċittadinanza b'investiment u skemi ta' residenza b'investiment (C(2022) 2028). Barra minn hekk, f'riżoluzzjoni tad-9 ta' Marzu 2022, il-Parlament Ewropew ippropona li t-tmiem tal-iskemi taċ-ċittadinanza b'investiment jiġi inkluż fil-kriterji ta' sħubija tal-UE (2021/2026(INL)).

¹⁵ F'dan ir-rigward, ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/366 tat-3 ta' Marzu 2022 dwar is-sospensjoni parzjali tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Vanuatu dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perjodu qasir (ĠU L 69, 4.3.2022, p. 105).

vulnerabbli, dawk li jibqgħu lil hinn mill-perjodu li għalih ikun ġie awtorizzat id-dħul (soġġorni għal żmien eċċessiv), dawk ordnati jirritornaw, u dawk li jagħmlu talbiet għall-ażil bla bażi.

- d) It-tkomplija tat-tisħiħ tal-prevenzjoni tal-korruzzjoni, tal-kriminalità organizzata, tat-traffikar illeċitu, tat-terroriżmu u tal-ħasil tal-flus u t-tkomplija tat-tisħiħ tal-ġlieda kontra dawn billi: (i) tiżdied il-parteeipazzjoni tal-Albanija fl-EMPACT; (ii) ikompli jsir progress fil-bini ta' rekord sod ta' kawżi kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, kif ukoll il-qbid, il-konfiska u l-irkupru ta' assi kriminali li jirriżultaw minn tali reati; (iii) l-indirizzar tal-punti kollha li jifdal fil-pjan ta' azzjoni tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja.
- e) Il-kisba ta' progress ulterjuri fl-implimentazzjoni tal-arranġament bilaterali skont il-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu għall-Balkani tal-Punent.

II. Il-Bożnija-Herzegovina

1. Il-migrazzjoni, l-ażil u r-riammissjoni

1.1. L-azzjoni meħuda fil-qasam tal-migrazzjoni, tal-ażil u tal-kooperazzjoni fir-riammissjoni

Il-Kummissjoni għamlet ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt f'*Ir-Raba' Rapport taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża*.

a) Tittejjeb il-koordinazzjoni, fil-livelli kollha, tal-kapaċità tal-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni, b'mod partikolari billi jiġi żgurat il-funzjonament tas-sistema tal-ażil u tiġi pprovduta kapaċità ta' akkoljenza adegwata għall-migranti; jittieħdu l-passi neċessarji sabiex jiġi ffirmit il-ftehim dwar l-istatus mal-Frontex.

Il-Bożnija-Herzegovina qiegħda timplimenta strateġija u pjan ta' azzjoni tal-2019 sal-2023 dwar il-ġestjoni integrata tal-fruntieri. L-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni dwar il-migrazzjoni u l-ażil għall-2021 sal-2025 għadhom ma ġewx adottati.

L-Istati Membri u l-Frontex jirrapportaw kooperazzjoni tajba fir-riammissjoni mal-Bożnija-Herzegovina u implimentazzjoni sodisfaċenti tal-ftehim ta' Riammissjoni tal-UE, kif iddikjarat ukoll fil-Kumitat Konġunt tar-Riammissjoni f'Diċembru 2021. Diversi Stati Membri (l-Awstrija, il-Kroazja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja u n-Netherlands) irrapportaw kooperazzjoni fil-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni peress li pprovdew tagħmir u taħriġ lill-awtoritajiet rilevanti fil-Bożnija-Herzegovina. Il-pajjiż qiegħed jimplimenta wkoll l-istrateġija tal-2020 sal-2023 għar-riintegrazzjoni ta' persuni rimpatrijati, minkejja r-riżorsi limitati.

Saru sforzi sabiex tittejjeb il-koordinazzjoni permezz tal-istrateġija msemmija hawn fuq, il-pjan ta' azzjoni tal-2019 sal-2023 għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri, u laqgħat regolari ta' task force stabbilita taħt il-Ministeru għas-Sigurtà. Madankollu, ir-riżultati konkreti kienu limitati. Il-Ministeru għas-Sigurtà kompla jżid l-isforzi sabiex itejjeb il-ġestjoni tal-migrazzjoni, u r-relazzjonijiet mal-awtoritajiet lokali ġeneralment tjeibu. Il-Bożnija-Herzegovina għad trid tieħu sjieda sħiħa tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u taċ-ċentri ta' akkoljenza kollha. Għandu jkun hemm kondivizzjoni aktar ġusta tal-piżijiet fost l-entitajiet u l-cantons kollha, u sjieda sħiħa tal-awtoritajiet tal-Istat fil-ġestjoni tal-migrazzjoni. Huwa disponibbli biss finanzjament pubbliku limitat għall-ġestjoni tal-migrazzjoni, li għandu impatt ukoll fuq l-effettività tal-Istat fit-tfassil tal-politika. Il-Bożnija-Herzegovina għadha pajjiż ta' tranżitu importanti fir-rotta tal-Balkani tal-Punent għall-flussi irregolari u għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti fl-UE.

Kif irrapportat fil-pakketti tat-tkabbir tal-2021 u tal-2022, għad hemm ostakli serji sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-proċeduri tal-ażil. Il-leġiżlazzjoni dwar l-ażil jeħtieġ li tiġi implimentata aħjar, b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat ir-rispett sistematiku tal-garanziji proċedurali għall-applikanti għal ażil. L-aċċess għall-proċeduri tal-ażil għandu jissaħħa biex ikun żgurat ipproċessar aktar mgħaġġel u effettiv tat-talbiet. F'Diċembru 2020, il-Bożnija-Herzegovina adottat pjan direzzjonali mill-2020 sal-2021 għall-kooperazzjoni mal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (issa l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil (EUAA)) dwar it-tisħiħ tas-sistemi tal-ażil u ta' akkoljenza f'konformità mas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u mal-istandards tal-UE. Il-kooperazzjoni mal-EUAA għandha tkompli u tintensifika. L-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrateġija u tal-pjan ta' azzjoni tal-2021 sal-2025 dwar il-migrazzjoni u l-ażil għandhom jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-titjib tal-politika dwar l-ażil. Jeħtieġ li jsir aktar sabiex jiġi żgurati aċċess effiċjenti għall-ażil, proċeduri effiċjenti u kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn l-aġenziji.

Fl-2021, in-numru ta' persuni li daħlu l-Bożnija-Herzegovina b'mod irregolari (15 812) kien komparabbli mal-2020 u ħafna anqas mill-2018 u mill-2019¹⁶. F'Lipa, qrib Bihać (il-Kwartieri ta' Una-Sana), f'Novembru 2021 infetaħ ċentru ta' akkoljenza b'kapaċità li jospita 1 500 persuna. Sa tmiem l-2021, madwar terz tal-postijiet disponibbli fis-sistema nazzjonali ta' akkoljenza kienu okkupati (2 162 minn 6 050). Il-kapaċità ta' akkomodazzjoni baqgħet ikkonċentrata fil-Kwartieri ta' Una-Sana u ta' Sarajevo, mingħajr kondiviżjoni ġusta fost l-entitajiet u l-kwartieri

Il-Bożnija-Herzegovina għadha ma ffirmatx il-ftehim dwar l-istatus mal-UE li jkun jippermetti lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta tuża l-korp permanenti tagħha fil-fruntiera tal-pajjiż mal-UE sabiex twettaq attivitajiet operazzjonali flimkien mal-Pulizija tal-Fruntieri.

b) Jiġi żgurat aktar allinjament tal-politika tal-Bożnija-Herzegovina dwar il-viżi mal-lista tal-UE ta' pajjiżi terzi bir-rekwiżit ta' viża, b'mod partikolari dawk il-pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji ta' migrazzjoni irregolari jew għas-sigurtà għall-UE.

Il-Bożnija-Herzegovina ma ħaditx azzjoni fl-2021 biex tkompli tallinja l-politika tal-pajjiż dwar il-viżi ma' dik tal-UE. Ċittadini minn diversi pajjiżi terzi, inklużi l-Ażerbajġan, il-Bahrain, iċ-Ċina, il-Kuwajt, l-Oman, il-Qatar, ir-Russja u t-Turkija huma eżentati mill-viża għall-Bożnija-Herzegovina. Iċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi kollha jrid ikollhom viża valida sabiex jidħlu fl-UE. Għandha tiġi evitata kwalunkwe devjazzjoni ulterjuri mil-lista tal-UE ta' pajjiżi b'rekwiżit ta' viża. Il-Bożnija-Herzegovina għandha tiżgura progress fl-allinjament tal-politika tagħha mal-lista tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji ta' migrazzjoni irregolari jew għas-sigurtà għall-UE. Din se tkun tema importanti ta' dialogu kontinwu bejn l-UE u l-Bożnija-Herzegovina. Fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-viża u f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament dwar il-Viża, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja u tivvaluta kontinwament l-azzjoni tal-Bożnija-Herzegovina lejn l-allinjament tal-viża tal-UE.

1.2. Il-monitoraġġ tat-tendenzi fil-migrazzjoni irregolari, fl-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, fir-ritorni u fir-riammissjoni

¹⁶ Għalkemm id-data uffiċjali għall-2022 għadha ma hijiex disponibbli, hemm sinjali li fl-ewwel 6 xhur tal-2022 kien hemm żieda fin-numri ta' persuni li daħlu l-Bożnija-Herzegovina b'mod irregolari.

Fl-2021, fl-Istati Membri tressqu 2 695 applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali miċ-ċittadini tal-Bożnija-Herzegovina, 78 % anqas mill-2020 (1 510). Ir-rata ta' rikonossiment żdiedet minn 4 % fl-2020 għal 5 % fl-2021.

Fl-2021, l-Istati Membri rrapportaw 17-il każ ta' qsim irregolari tal-fruntieri minn ċittadini tal-Bożnija-Herzegovina fil-fruntieri esterni tal-UE, żieda ta' 42 % meta mqabblin mal-2020 (12). Fl-2021, in-numru ta' ċittadini mill-Bożnija-Herzegovina li nstab li kienu qegħdin jgħixu b'mod irregolari fl-Istati Membri żdied bi 17 %, b'4 200 soġġorn illegali fl-2021 meta mqabblin ma' 3 595 fl-2020. In-numru ta' rifjuti ta' dħul naqas b'39 %, minn 8 145 każ fl-2020 għal 4 995 fl-2021.

Kemm in-numru ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġin lil ċittadini tal-Bożnija-Herzegovina (2 740 fl-2021 kontra 2 710 fl-2020, tnaqqis ta' 1 %) kif ukoll in-numru ta' persuni ritornati (900 fl-2021 kontra 1 010 fl-2020, tnaqqis ta' 11 %) baqgħu relattivament stabbli fl-2021 meta mqabblin mal-2020.

2. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja, l-ordni pubbliku u s-sigurtà

Kif irrapportat fil-Pakkett tat-Tkabbir tal-2021, in-nuqqas ta' impenn favur ir-riformi tal-ġustizzja minn atturi politiċi u l-funzjonament batut tas-sistema ġudizzjarja jkompli jimminaw it-tgawdija tad-drittijiet miċ-ċittadini u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u kontra l-kriminalità organizzata. L-indikaturi tal-korruzzjoni għadhom għoljin u din il-kwistjoni taffettwa l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u tal-investituri barranin. Ir-rekord dwar il-prevenzjoni u r-repressjoni tal-korruzzjoni (inkluż f'livell għoli) għadu insinifikanti, minħabba l-inefficienza operazzjonali u l-interferenza politika. In-nuqqas ta' sistema effiċjenti ta' dikjarazzjoni tal-assi mill-imħallfin u mill-prosekuturi huwa sors partikolari ta' tħassib

Fil-qasam tal-ordni pubbliku u tas-sigurtà, il-kompetenzi f'kunflitt u n-nuqqas ta' kooperazzjoni jaffettwaw b'mod negattiv l-efficienza tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi. Il-professjonaliżmu u r-responsabbiltà tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi jeħtieġ li jittejjbu. Ma sar l-ebda progress fl-iżgurar ta' ħatriet u ta' promozzjonijiet trasparenti bbażati fuq il-mertu, ħielsa minn interferenza politika.

Il-leġiżlazzjoni dwar id-drogi, it-traffikar ta' bnedmin u ċ-ċiberkriminalità teħtieġ titjib sinifikanti. Il-Bożnija-Herzegovina jeħtieġ li tistabbilixxi punt fokali għall-armi tan-nar u li tarmonizza l-kodiċijiet kriminali mal-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar. Il-mekkaniżmi legali għall-iffriżar, għall-ġestjoni u għall-konfiska tal-assi kriminali ma humiex effettivi biżżejjed. Il-pajjiż għandu jżid il-ġlieda kontra n-networks tal-kriminalità organizzata tranżnazzjonali f'kollaborazzjoni mal-Europol u billi jżid il-parteċipazzjoni tiegħu fl-attivitajiet tal-EMPACT.

Il-leġiżlazzjoni kontra t-terroriżmu hija fil-biċċa l-kbira allinjata mal-acquis tal-UE u mad-dritt internazzjonali rilevanti. Madankollu, kemm l-istrateġija kif ukoll pjan ta' azzjoni qafas għall-prevenzjoni tat-terroriżmu u għall-ġlieda kontra t-terroriżmu waslu fi tmiemhom fl-2020. Qiegħda tiġi abbozzata strateġija ta' segwitu għall-2021 sal-2026, iżda din għadha ma ġietx adottata.

L-Istati Membri jirrapportaw b'mod ġenerali kooperazzjoni tajba mal-Bożnija-Herzegovina fil-qasam tas-sigurtà. Fl-2021, il-Bożnija-Herzegovina kienet involuta f'attivitajiet konġunti ma' diversi Stati Membri, li jinkludu ċ-Ċekja, il-Ġermanja, il-Latvja, in-Netherlands u l-Iżvezja.

Il-Kummissjoni għamlet ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt f'*Ir-Raba' Rapport taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża*.

a) *Ikompli l-progress fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, inkluż fil-livell għoli, billi tiġi adottata u implimentata leġiżlazzjoni effiċjenti dwar il-kunflitti ta' interess, l-akkwist pubbliku u l-protezzjoni tal-informaturi, u jiġu żgurati l-funzjonament u l-koordinazzjoni effettivi tal-korpi kontra l-korruzzjoni.*

Ir-rakkomandazzjoni ma ġietx implimentata fl-2021¹⁷. Tħejjew abbozzi ta' liġijiet dwar il-kunflitti ta' interess u l-akkwist pubbliku, f'konformità mal-istandards internazzjonali u mal-aħjar prattiki Ewropej, iżda l-ebda wieħed minnhom ma ġie adottat fl-2021. Għad irid jiġi żviluppat abbozz ta' liġi dwar il-protezzjoni tal-informaturi, f'konformità mal-acquis tal-UE.

Il-funzjonament u l-koordinazzjoni tal-korpi għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni bejniethom u mal-Aġenzija għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni u għall-Koordinazzjoni tal-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni (APIK) baqgħu ineffettivi. L-indipendenza tal-korpi għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni stabbiliti fil-livell tal-entitajiet u tal-kwartieri jeħtieġ li tissaħħaħ b'mod sinifikanti. Kif irrapportat fil-pakkett tat-tkabbir tal-2021, l-uffiċċju kontra l-korruzzjoni tal-Kwartieri ta' Sarajevo kompli jagħmel progress tajjeb, filwaqt li identifika wkoll ir-riskji ta' korruzzjoni u jimmonitorja l-akkwist pubbliku, u għadu eżempju tajjeb fost il-korpi tal-kwartieri. F'Mejju 2021, il-Kwartieri ta' Tuzla adottat leġiżlazzjoni sabiex jistabbilixxi uffiċċju kontra l-korruzzjoni, u f'Diċembru 2021, Liġi dwar ir-rapportar u l-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-uffiċjali pubbliċi, billi segwa l-mudell tal-Kwartieri ta' Sarajevo. Il-koordinazzjoni madwar il-pajjiż kollu għadha nieqsa.

b) *Jissaħħu l-isforzi għall-indirizzar tal-kriminalità organizzata, b'mod partikolari billi tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva fost il-korpi tal-infurzar tal-liġi u mal-uffiċċji tal-prosekuturi kif ukoll jiġi stabbilit rekord ta' investigazzjonijiet proattivi, ta' atti tal-akkuża kkonfermati, ta' prosekuzzjonijiet u ta' kundanni finali kontra l-kriminalità organizzata.*

Din ir-rakkomandazzjoni ma ġietx implimentata. Kif irrapportat fil-pakkett tat-tkabbir tal-2021, il-kooperazzjoni limitata tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi mal-uffiċċji tal-prosekuturi u n-nuqqas ta' kontrolli effettivi mill-prosekuturi fuq il-pulizija komplew ifixklu serjament l-effettività tal-investigazzjonijiet. In-nuqqasijiet sistemiċi fil-kooperazzjoni operazzjonali tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u skambju limitat ħafna ta' intelligence għadhom sfidi persistenti. Fil-ftit każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli rrapportati, komplew jiġu osservati segwitu ġudizzjarju selettiv, żbalji legali, negliġenza, abbuż tal-proċeduri, pressjoni politika, deċiżjonijiet dubjużi tal-qrati u attacchi verbali fuq il-prosekuzzjoni.

c) *Jiġi stabbilit punt ta' kuntatt għall-Europol u jkompli jsir progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu għall-Balkani tal-Punent*

Din ir-rakkomandazzjoni ma ġietx implimentata. Kif irrapportat fil-pakkett tat-tkabbir tal-2021, filwaqt li l-awtoritajiet ħadu xi passi preparatorji, ma hemm l-ebda kooperazzjoni operazzjonali mal-Europol. Il-ftehim ta' Marzu 2017 dwar il-kooperazzjoni operazzjonali u strateġika mal-Europol għad irid jiġi implimentat peress li l-punt ta' kuntatt għall-Europol ma ġiex stabbilit bis-sħiħ. L-awtoritajiet tal-Bożnija-Herzegovina dan l-aħħar ħatru l-uffiċjal ta' kollegament f'The Hague, iżda l-uffiċjal ma jistax jiġi stazzjonat fil-kwartieri ġenerali tal-Europol sakemm il-punt ta' kuntatt nazzjonali f'Sarajevo jibqa' mhux operazzjonali. Il-kooperazzjoni tal-pajjiż mal-Europol għadha

¹⁷ Fl-aħħar ġew adottati emendi għal-liġi dwar l-akkwist pubbliku f'Awwissu 2022.

limitata. L-iskambju ta' informazzjoni għadu qiegħed iseħħ permezz ta' unità fi ħdan id-Direttorat għall-Koordinazzjoni tal-Korpi tal-Pulizija tal-Bożnija-Herzegovina, li l-mandat tiegħu skada u li miegħu l-entità *Republika Srpska* ssuspendiet il-kooperazzjoni operazzjonali.

F'Settembru 2021, it-tielet rapport tal-Bożnija-Herzegovina dwar l-implimentazzjoni tal-arranġament tal-2019 għall-Pjan ta' Azzjoni Konġunt tal-2018 dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu għall-Balkani tal-Punent wera biss progress limitat. Id-diskussjonijiet ta' politika dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu bejn l-UE u l-Bożnija-Herzegovina jsiru b'mod regolari. Il-kapaċità u l-effettività tat-task force kontra t-terroriżmu u t-taqsimu kontra t-terroriżmu tal-uffiċċju tal-prosekutur tal-Istat jeħtieġ li jissaħħu b'mod sinifikanti. Il-Bożnija-Herzegovina qiegħda taħdem sabiex tadotta strateġija nazzjonali dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti. Il-pajjiż għadu ma adottax leġiżlazzjoni għda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanżjament tat-terroriżmu f'konformità mal-istandards internazzjonali u mal-acquis tal-UE.

3. Rakkomandazzjonijiet għall-Bożnija-Herzegovina

Il-Bożnija-Herzegovina jeħtieġ li tagħmel aktar sforzi fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata u fil-ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-ażil. B'mod partikolari, jeħtieġ li jiġu indirizzati aktar l-oqsma li ġejjin.

- a) L-allinjament, bħala kwistjoni ta' prijarità, tal-politika tal-Bożnija-Herzegovina dwar il-viżi mal-lista tal-UE ta' pajjiżi terzi bir-reqwiżit ta' viża, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji ta' migrazzjoni irregolari jew għas-sigurtà għall-UE.
- b) It-tkomplija tal-isforzi sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni effettiva tal-ġestjoni tal-fruntieri u tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, inkluża d-distribuzzjoni ġusta tal-kapaċità ta' akkoljenza fost l-entitajiet u l-kwartieri kollha, jiġi ggarantit aċċess aktar effiċjenti għall-proċeduri tal-ażil, u jiġu adottati u implimentati strateġija u pjan ta' azzjoni dwar il-migrazzjoni.
- c) Jiġi ffirmat u rratifikat il-ftehim dwar l-istatus tal-EBCGA mal-UE.
- d) Il-punt ta' kuntatt nazzjonali konġunt mal-Europol isir operazzjonali.
- e) Tiġi adottata u implimentata l-istrateġija nazzjonali għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u kontra l-estremiżmu vjolenti u t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-arranġament bilaterali skont il-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu għall-Balkani tal-Punent.
- f) Il-wiri ta' progress fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, inkluż f'livell għoli, billi: tiġi adottata u implimentata leġiżlazzjoni effiċjenti dwar il-kunflitti ta' interess, tiġi implimentata l-liġi l-għda dwar l-akkwist pubbliku, jiġu protetti l-informaturi, u jiġi żgurat li l-korpi kontra l-korruzzjoni jaħdmu b'mod effettiv u jikkordinaw ma' xulxin.
- g) L-istabbiliment jew il-ħatra ta' uffiċċju għall-irkupru tal-assi inkarigat mill-identifikazzjoni u mit-traċċar tal-assi kriminali sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Istati Membri.
- h) L-adozzjoni ta' valutazzjoni tar-riskju u ta' leġiżlazzjoni nazzjonali aġġornati dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanżjament tat-terroriżmu f'konformità mal-istandards internazzjonali u mal-acquis tal-UE.

III. Il-Montenegro

1. Il-migrazzjoni, l-ażil u r-riammissjoni

1.1. L-azzjoni meħuda fil-qasam tal-migrazzjoni, tal-ażil u tal-kooperazzjoni fir-riammissjoni

Fl-2021, il-Montenegro kompli jżid il-kapaċità tiegħu fil-ġestjoni tal-fruntieri u fl-ażil u jimplimenta l-istrategġija rilevanti. L-istrategġija dwar il-migrazzjoni u r-riintegrazzjoni ta' persuni rimpatrijati għall-2021 sal-2025 ġiet adottata f'Settembru 2021. F'Ġunju 2022, il-Montenegro nġhaqad man-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni, network tal-UE ta' esperti dwar il-migrazzjoni u l-ażil, bħala membru osservatur mingħajr vot.

F'Diċembru 2021, il-Montenegro ffirmi pjan direzzjonali ta' kooperazzjoni mal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (issa l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil), immirat lejn it-tisħiħ tas-sistema tal-ażil tal-Montenegro, li tinkludi l-proċedura ta' determinazzjoni tal-istatus, il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza, u l-iżvilupp tal-ippjanar ta' kontinġenza.

Il-kooperazzjoni kostruttiva mal-Frontex skont il-Ftehim dwar l-Istatus tal-Montenegro mal-UE kompliet tagħti riżultati u ssaħħa il-kapaċità tal-pulizija tal-fruntieri tal-Montenegro.

L-Istati Membri rrapportaw ukoll kooperazzjoni tajba mal-Montenegro fil-ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-fruntieri (b'mod partikolari l-Ġermanja, Franza, il-Kroazja, u n-Netherlands), fir-ritorni, u fl-implimentazzjoni tal-Ftehim tal-UE ta' Riammissjoni, kif espress ukoll fil-Kumitat Konġunt tar-Riammissjoni li sar f'Novembru 2021.

Il-Kummissjoni għamlet ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt f'*Ir-Raba' Rapport taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża*.

a) Jitfasslu kampanji ta' informazzjoni dwar is-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża għal profili ta' migranti rilevanti, inklużi gruppi vulnerabbli, dawk li jibqgħu lil hinn mill-perjodu li għalih ingħataw l-approvazzjoni sabiex jidħlu (soġġorni għal żmien eċċessiv), u dawk li jressqu applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi.

Fl-2021, il-Montenegro ma kkunsidrax li kien neċessarju li jiġu organizzati kampanji ta' informazzjoni minħabba r-restrizzjonijiet kontinwi fuq l-ivvjaġġar marbutin mal-COVID-19.

b) Jiġi żgurat allinjament ulterjuri tal-politika tal-Montenegro dwar il-viżi mal-lista tal-UE ta' pajjiżi terzi bir-reqwiżit ta' viża, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji ta' migrazzjoni irregolari jew għas-sigurtà għall-UE.

Il-Montenegro ma ħa l-ebda azzjoni sabiex jallinja l-politika tiegħu dwar il-viżi mal-lista tal-UE ta' pajjiżi b'rekwiżit ta' viża. Għall-kuntrarju, fl-2021 u fil-bidu tal-2022, il-Montenegro kompli jitbiegħed aktar mill-politika rakkomandata.

Ċittadini minn diversi pajjiżi terzi, inklużi l-Armenja, il-Każakistan, ir-Russja, l-Ażerbajġan, il-Belarużja, Kuba, l-Ekwador, it-Turkija u l-Qatar huma eżentati mill-viża għall-Montenegro. Għal xi nazzjonalitajiet, l-eżenzjonijiet huma staġunali u, għal oħrajn, huma validi s-sena kollha.

F'Marzu 2021, il-Montenegro estenda l-eżenzjoni mill-viża għal ċittadini barranin li għandhom permess validu sabiex jibqgħu fl-Emirati Għarab Magħquda (UAE). Tali estensjoni ma hijiex konformi mal-politika tal-UE dwar il-viża u kienet soġġetta għal abbuż peress li xi ċittadini barranin b'permess ta' residenza tal-UAE ma rritornawx lejn l-UAE u, minflok, ħarbu bl-intenzjoni probabbli li jidħlu fl-UE.

Fis-26 ta' Mejju 2022, il-Montenegro adotta deċiżjoni li tagħti eżenzjoni temporanja mill-viża għaċ-ċittadini tal-Arabja Sawdija mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru 2022, li kellha l-għan li ttaffi t-tnaqqis fin-numru ta' turisti li ġejjin mir-Russja u mill-Ukrajna.

Għandha tiġi evitata kwalunkwe devjazzjoni ulterjuri mil-lista tal-UE ta' pajjiżi b'rekwiżit ta' viża. Il-Montenegro għandu jiżgura progress fl-allinjament tal-politika mal-lista tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji ta' migrazzjoni irregolari jew għas-sigurtà. Din se tkun tema importanti ta' dialogu kontinwu bejn l-UE u l-Montenegro. Fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-viża u f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament dwar il-Viża, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja u tivvaluta kontinwament l-azzjoni tal-Montenegro lejn l-allinjament mal-politika tal-viża tal-UE.

1.2. Il-monitoraġġ tat-tendenzi fil-migrazzjoni irregolari, fl-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, fir-ritorni u fir-riammissjoni

In-numru ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentati fl-Istati Membri miċ-ċittadini Montenegrini żdied b'65 % bejn l-2020 u l-2021, b'420 applikazzjoni ppreżentati fl-2021 meta mqabblin ma' 255 fl-2020. Ir-rata ta' rikonossiment żdiedet minn 2 % fl-2020 għal 5 % fl-2021.

L-Istati Membri rrapportaw żewġ każijiet ta' qsim irregolari tal-fruntieri fl-2021 minn ċittadini tal-Montenegro wara sentejn mingħajr każijiet ta' qsim irregolari tal-fruntieri. In-numru ta' ċittadini Montenegrini li nstab li kienu qegħdin jgħixu b'mod irregolari fl-2021 żdied b'10 % (minn 925 fl-2020 għal 1 020 fl-2021). Fl-2021, in-numru ta' rifjuti ta' dħul għaċ-ċittadini tal-Montenegro fl-Istati Membri kien ta' 515, 6 % aktar mill-2020 (485).

In-numru ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġin liċ-ċittadini tal-pajjiż naqas b'1 % (490 fl-2021 kontra 495 fl-2020), filwaqt li n-numru ta' persuni rimpatrijati naqas bi 12 % (260 fl-2021 kontra 295 fl-2020).

2. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja, l-ordni pubbliku u s-sigurtà

Fl-2021, il-Montenegro kompli jieħu azzjoni kontra l-kriminalità organizzata (inkluż it-traffikar ta' bnedmin) u kontra t-terroriżmu. F'Diċembru 2021, il-gvern adotta l-istrateġija tal-2022 sal-2025 għall-prevenzjoni u għas-soppressjoni tat-terroriżmu, tal-ħasil tal-flus u tal-finanzzjament tat-terroriżmu u l-pjan ta' azzjoni tal-2022 sal-2023.

B'mod ġenerali, l-Istati Membri jirrapportaw kooperazzjoni tajba mal-Montenegro fil-qasam tas-sigurtà. Fl-2021, il-Montenegro kompli jikkoopera b'mod bilaterali ma' numru ta' Stati Membri fil-qasam tal-ordni pubbliku u tas-sigurtà, inklużi l-Ġermanja u l-Iżvezja. Il-Montenegro żamm ukoll il-kooperazzjoni tiegħu mal-Europol u mal-Eurojust. Barra minn hekk, il-pulizija tal-Montenegro kompliet taqsa l-informazzjoni mal-INTERPOL sabiex tidentifika gruppi terroristiċi attivi u tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra t-theddid terroristiku.

Il-kooperazzjoni maċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) għadha lura. Il-Montenegro għandu jieħu passi lejn it-tiġdid tal-kooperazzjoni teknika mal-aġenzija sabiex itejjeb il-kooperazzjoni dwar l-informazzjoni dwar id-drogi u jniedi diskussjonijiet dwar l-iffirmar ta' arranġament ta' ħidma.

Il-Kummissjoni għamlet ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt f'*Ir-Raba' Rapport taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża*.

a) Il-konsolidazzjoni tar-rekord ta' kundanni finali u ta' konfiska tal-assi.

Is-sistema ta' informazzjoni ġudizzjarja (PRIS) eżistenti għandha tittejjeb billi jiġi implimentat il-programm ta' żvilupp tal-ICT tal-ġudikatura tal-2021 sal-2023. Il-programm għandu l-għan li jiżgura d-diġitalizzazzjoni sħiħa u l-produzzjoni ta' rekords kompluti tad-deċiżjonijiet finali kollha tal-qrati u li jagħmilha possibbli li jiġu ġġenerati statistiki akkurati u affidabbli. L-implimentazzjoni sħiħa tas-sistema fil-qrati kollha hija mistennija sa nofs l-2023.

Il-Montenegro għadu qiegħed jiżviluppa r-rekord tiegħu ta' investigazzjonijiet, ta' prosekuzzjonijiet u ta' kundanni finali f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, iżda dan jista' jittejjeb aktar.

Fl-2021, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali tal-Istat fetaħ investigazzjonijiet dwar reati kriminali ta' korruzzjoni ta' livell għoli fi 15-il każ kontra 70 individwu u kontra 19-il entità legali (meta mqabblin ma' 8 każijiet kontra 35 individwu u kontra 8 entitajiet legali fl-2020).

Il-Montenegro jeħtieġ li jtejjeb b'mod sostanzjali l-approċċ legali u r-rekord fl-investigazzjonijiet finanzjarji u fil-konfiska tal-assi għal reati kriminali ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Fl-2021, l-assi ġew iffriżati temporanjament fi tliet każijiet. Kien hemm xi progress inizjali fl-użu ta' konfiska estiża f'każijiet ta' korruzzjoni, b'konfiska finali f'każ wieħed, u hemm fehim aħjar dwar l-importanza tat-tneċċija ta' investigazzjonijiet finanzjarji paralleli.

Il-ħtieġa għal politika dwar is-sanzjonar aktar deterrenti u konsistenti għad trid tiġi indirizzata sabiex jittejjeb ir-rispons tal-ġustizzja kriminali għall-korruzzjoni u għall-korruzzjoni ta' livell għoli. L-użu ta' ftehimiet ta' sentenza fuq talba tal-partijiet irid jiġi eżerċitat b'attenzjoni estrema, għall-finijiet ġusti, u filwaqt li jiġu osservati s-salvagwardji neċessarji kollha.

Ir-rekord tal-prevenzjoni tal-korruzzjoni kompli jittejjeb. Kemm l-Aġenzija għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni kif ukoll il-kunsill tagħha kienu proattivi fil-ħidma tagħhom u żiedu l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni mal-pubbliku, mal-media u mas-soċjetà ċivili.

Inkiseb progress sinifikanti fin-numru ta' dikjarazzjonijiet tal-assi vverifikati u fl-applikazzjoni ta' proċeduri ta' verifika fil-fond mill-aġenzija. Fl-2021, in-numru ta' proċedimenti amministrattivi u kontra delitti mibdijin irdoppja meta mqabbel mal-2020. Minkejja l-approċċ proattiv tal-aġenzija fl-investigazzjoni u fis-sanzjonar tal-ksur tal-liġi li jipprevjeni l-korruzzjoni fid-dikjarazzjonijiet tal-assi u t-tneċċid għall-interess pubbliku, għad hemm xogħol b'lura sinifikanti mis-snin ta' qabel, b'mod partikolari fir-rigward ta' każijiet ta' profil għoli.

Fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-Montenegro kompli jagħmel l-investigazzjonijiet kriminali aktar effettivi. L-użu sħiħ ta' miżuri investigattivi speċjali ġie rrestawrat. Il-bidliet leġiżlattivi introduċew salvagwardji kontra l-influenza politika fil-ħatra jew fit-tkeċċija tad-Direttur tal-Pulizija. Inħoloq ukoll regjistru tas-sjieda benefiċjarja. Il-qafas amministrattiv għall-armi tan-nar ttejjeb. Dwar it-traffikar ta' bnedmin, kien hemm aktar kawżi pendenti fil-qrati u ngħataw aktar kundanni finali.

Ġew arrestati xi figuri importanti ta' gruppi tal-kriminalità organizzata, u sar numru rekord ieħor ta' qabdi ta' droga. Ġiet varata l-ewwel skwadra ta' investigazzjoni konġunta, u n-numru ta' kundanni finali f'każijiet tal-kriminalità organizzata qiegħed jiżdied.

Madankollu, il-pajjiż jeħtieġ li jtejjeb ir-rekord tiegħu tad-deċiżjonijiet tal-qorti dwar il-kuntrabandu tat-tabakk u l-ħasil tal-flus, l-użu ta' investigazzjonijiet finanzjarji u l-kapaċità li jiġu kkonfiskati r-rikavati tal-kriminalità. Il-Montenegro għadu jrid jindirizza xi nuqqasijiet sistemiċi orizzontali fis-sistema tal-ġustizzja kriminali tiegħu, inkluż il-mod kif il-każijiet ta' kriminalità organizzata jiġu ttrattati fil-qorti. Dan se jirrikjedi politika dwar is-sentenzjar aktar deterrenti u li jiġi rivedut l-użu ta' sentenzi fuq talba tal-partijiet f'każijiet ta' kriminalità organizzata u serja.

b) Tissaħħaħ il-kapaċità ta' prosekuzzjoni u ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-każijiet ta' ħasil tal-flus.

Dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-Montenegro għadu jrid jallinja l-leġislazzjoni tiegħu mal-ħames Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus¹⁸ u jsolvi xi problemi fl-implimentazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja u s-superviżjoni. Il-liġi dwar il-logħob tal-azzard għad trid tiġi allinjata mal-acquis tal-UE u mal-istandards internazzjonali. Il-liġi attwali tħalli lakuni sostanzjali u żżid ir-riskju ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu f'dan il-qasam ta' riskju għoli peress li s-salvagwardji legali kontra l-influwenza tal-kriminalità organizzata fl-istruttura tas-sjieda tal-logħob tal-azzard ma humiex biżżejjed.

Inħoloq reġistru tas-sjieda benefiċjarja fi Frar 2022, li jipprovdi lill-awtoritajiet b'informazzjoni dwar persuni fiżiċi li fl-aħħar mill-aħħar għandhom jew jikkontrollaw l-ishma ta' kumpaniji jew ta' organizzazzjonijiet irreġistrati l-Montenegro. Il-Bank Ċentrali tal-Montenegro għandu reġistru ċentrali ta' kontijiet tar-residenti iżda ma għandux reġistru ta' kontijiet ta' persuni mhux residenti, li huwa għodda kruċjali għall-investigazzjonijiet li jinvolvu persuni mhux residenti. Il-problema ta' reġistru tal-artijiet mhux komplut ma ġietx indirizzata, u dan ifixkel l-effiċjenza tal-investigazzjonijiet finanzjarji u tal-konfiska tal-assi.

Ir-rekord inizjali tal-investigazzjonijiet dwar il-ħasil tal-flus kompli jtejjeb iżda n-numru ta' każijiet għadu limitat. Fl-2021, inqasgħu żewġ verdetti kontra tliet individwi, il-koll ibbażati fuq ftehimiet ta' sentenza fuq talba tal-partijiet.

c) Il-kisba ta' riżultati aħjar bħala rispons għall-kriminalità organizzata, inkluż billi jiġi indirizzat l-użu frekwenti ta' sentenzi fuq talba tal-partijiet.

F'kawżi relatati mal-kriminalità organizzata, in-numru ta' sentenzi tal-qorti u ta' kundanni kompli jżied fl-2021, u dan jirrifletti ż-żieda kostanti fin-numru ta' investigazzjonijiet fl-aħħar sentejn.

Il-Ministeru għall-Ġustizzja rċieva appoġġ mill-Uffiċċju tal-Programm tal-Kunsill tal-Ewropa f'Podgorica sabiex janalizza kif jiġu applikati l-ftehimiet ta' sentenza fuq talba tal-partijiet, filwaqt li stabbilixxa rakkomandazzjonijiet għal emendi possibbli meħtieġa fil-liġi. Dan se jintuża mill-grupp ta' ħidma, stabbilit mill-Ministeru, sabiex iħejji proposta ta' emendi għall-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali.

d) Ikompli jsir progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu għall-Balkani tal-Punent.

Il-Montenegro kompli jimplimenta l-arranġament bilaterali skont il-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu għall-Balkani tal-Punent. F'Ġunju 2021, il-Kunsill Nazzjonali tas-

¹⁸ Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE, ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73–117.

Sigurtà waqqaf bureau għall-koordinazzjoni operazzjonali tal-istituzzjonijiet li jinkludi s-Settur tal-Intelligence tas-Sigurtà. Il-pajjiż adotta wkoll deċiżjoni li jaħtar koordinatur nazzjonali u l-membri tal-iskwadra interdipartimentali nazzjonali sabiex jintemmu l-estremiżmu vjolenti, it-terroriżmu, il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

F'April 2021, il-Montenegro adotta regolamenti ta' implimentazzjoni għal-liġi dwar id-deżinjazzjoni u l-protezzjoni ta' infrastrutturi kritiċi. F'Diċembru 2021, għet adottata l-istrateġija l-għdida għall-prevenzjoni u għas-soppressjoni tat-terroriżmu, tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu. Dak ix-xahar, il-gvern ippropona wkoll liġi dwar l-ipproċessar tad-*data* tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri tat-trasport bl-ajru, bil-għan li jiġu evitati u identifikati reati terroristiċi u reati serji. Dan jirregola s-sistema tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri fil-Montenegro għall-ewwel darba.

Il-Montenegro kompli jikkoopera mal-Europol, u l-unità tal-ġlieda kontra t-terroriżmu tkompli tiskambja informazzjoni mal-Istati Membri, ma' pajjiżi oħrajn tal-Balkani tal-Punent, u ma' pajjiżi oħrajn mhux tal-UE li huma sħab operazzjonali tal-Europol permezz tal-kanal ta' komunikazzjoni tal-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (SIENA).

e) Titneħħa b'mod gradwali u effettiv l-iskema taċ-ċittadinanza b'investiment mill-aktar fis possibbli.

Il-Montenegro għadu ma eliminax b'mod gradwali l-iskema tiegħu taċ-ċittadinanza b'investiment minkejja d-deċiżjoni mħabbra fil-passat għat-tmiem tagħha fl-2021. Għall-kuntrarju, f'Diċembru 2021, il-gvern tal-Montenegro ddeċieda li jestendi l-iskema sal-aħħar tal-2022.

Fl-2021, il-Montenegro rċieva 241 applikazzjoni għal 807 individwi. Minn Diċembru 2021, inħarġu 264 passaport tal-Montenegro fuq dik il-bażi.

Il-Kummissjoni tesprimi dispaċir għad-deċiżjoni li tiġi estiża l-iskema taċ-ċittadinanza b'investiment u tkompli thegġegħ lill-Montenegro sabiex itemmiha mill-aktar fis possibbli. Id-deċiżjoni li tiġi estiża l-iskema hija ta' tħassib kbir għall-UE fil-kuntest tal-ftehim tagħha mal-Montenegro dwar l-eżenzjoni mir-reqwiżit ta' viża¹⁹. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-iskema sakemm tibqa' operazzjonali u l-applikazzjonijiet ikomplu jiġu pproċessati. Dan il-monitoraġġ huwa neċessarju minħabba li l-iskemi taċ-ċittadinanza b'investiment jistgħu jintużaw sabiex jiġu evitati l-proċedura tal-UE tal-viża għal soġġorn qasir u l-valutazzjoni fil-fond tar-riskji migratorji u tas-sigurtà individwali li din il-proċedura tinvolvi. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li, jekk skemi bħal dawn jitqiesu li jikkostitwixxu riskju akbar għas-sigurtà interna u għall-ordni pubbliku tal-Istati Membri, is-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża tista' tiġi sospiża²⁰.

3. Rakkomandazzjonijiet għall-Montenegro

Il-Montenegro ħa azzjoni sabiex jindirizza wħud mir-rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni, speċjalment dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u fil-

¹⁹ Dawn ir-riskji ġew enfasizzati wkoll fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Marzu 2022 dwar passi immedjati fil-kuntest tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna fir-rigward ta' skemi ta' ċittadinanza b'investiment u skemi ta' residenza b'investiment (C(2022) 2028). Barra minn hekk, f'riżoluzzjoni tad-9 ta' Marzu 2022, il-Parlament Ewropew ippropona li t-tmiem tal-iskemi taċ-ċittadinanza b'investiment jiġi inkluż fil-kriterji ta' sħubija tal-UE ((2021/2026(INL)).

²⁰ F'dan ir-rigward, ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/366 tat-3 ta' Marzu 2022 dwar is-sospensjoni parzjali tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Vanuatu dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir (ĠU L 69, 4.3.2022, p. 105).

ġlieda kontra l-korruzzjoni u kontra l-kriminalità organizzata. Madankollu, il-Montenegro ħa wkoll passi li jmorru kontra r-rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-politika dwar il-viżi u tal-iskema taċ-ċittadinanza b'investiment tiegħu. Huma meħtieġa aktar sforzi fil-qasam kollu tal-affarijiet interni, u jeħtieġ li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet li ġejjin.

- a) L-allinjament, bħala kwistjoni ta' prijorità, tal-politika tal-Montenegro dwar il-viżi mal-lista tal-UE ta' pajjiżi terzi bir-rewiżit ta' viża, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji ta' migrazzjoni irregolari jew għas-sigurtà għall-UE.
- b) Tintemm l-iskema taċ-ċittadinanza b'investiment mingħajr dewmien.
- c) Jitfasslu l-kampanji ta' informazzjoni dwar is-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża għal profili ta' migranti rilevanti, inklużi gruppi vulnerabbli, dawk li jibqgħu lil hinn mill-perjodu li għalih ingħataw l-approvazzjoni sabiex jidħlu (soġġorni għal żmien eċċessiv), u dawk li jressqu applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi.
- d) Ikompli jsir progress fil-prevenzjoni u fil-għieda kontra l-kriminalità organizzata, kontra l-korruzzjoni u kontra t-terroriżmu billi: (i) tiżdied il-parteċipazzjoni tal-Montenegro fl-EMPACT; (ii) ikompli jsir progress fil-bini ta' rekord sod ta' kawżi kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, kif ukoll il-qbid, il-konfiska u l-irkupru ta' assi kriminali li jirriżultaw minn tali reati; (iii) tissaħħaħ il-kapaċità ta' prosekuzzjoni u ta' aġġudikazzjoni ta' każijiet ta' ħasil tal-flus u tiġi adottata liġi ġdida dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu; u (iv) it-tkomplija tal-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu għall-Balkani tal-Punent.
- e) Jittieħdu l-passi neċessarji sabiex tiġġedded il-kooperazzjoni teknika maċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga.

IV. Il-Maċedonja ta' Fuq

1. Il-migrazzjoni, l-ażil u r-riammissjoni

1.1. Azzjoni meħuda fil-qasam tal-migrazzjoni, tal-ażil u tal-kooperazzjoni fir-riammissjoni

Fl-2021, il-Maċedonja ta' Fuq kompliet tiegħu azzjoni dwar il-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni u l-ażil, inkluż li ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-akkoljenza għall-applikanti għall-ażil.

L-Istati Membri rrapportaw kooperazzjoni tajba fil-ġestjoni tal-fruntieri, fil-migrazzjoni u fl-ażil. B'mod partikolari, il-Maċedonja ta' Fuq kompliet il-kooperazzjoni bilaterali mal-Istati Membri, inklużi l-Ġermanja, Franza, il-Kroazja, in-Netherlands, u l-Polonja. L-Istati Membri jirrapportaw ukoll kooperazzjoni tajba haġna mal-Maċedonja ta' Fuq fir-ritorni u fir-riammissjonijiet, kif espress ukoll fil-Kumitat Konġunt tar-Riammissjoni li sar f'Ġunju 2022. Il-kooperazzjoni mal-Aġenzija tal-UE għall-Ażil kompliet skont il-pjan direzzjonali miftiehem sabiex tissaħħaħ il-kapaċità fl-ażil u fl-akkoljenza. Il-kooperazzjoni mal-Frontex kompliet ukoll.

Il-Kummissjoni għamlet ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt f'*Ir-Raba' Rapport taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża*.

- a) ***Tittejjeb aktar ir-reġistrazzjoni tal-migranti b'mod aktar sistematiku; Jitfasslu kampanji ta' informazzjoni dwar is-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża għal profili ta' migranti rilevanti,***

inklużi gruppi vulnerabbli, dawk li jibqgħu lil hinn mill-perjodu li għalih ingħataw l-approvazzjoni sabiex jidħlu (soġġorni għal żmien eċċessiv), u dawk li jressqu applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi.

Il-Maċedonja ta' Fuq kompliet tiegħu azzjoni sabiex tindirizza l-isfidi tal-migrazzjoni u ttejjeb ir-reġistrazzjoni tal-migranti. Il-Maċedonja ta' Fuq kompliet tiżviluppa sistemi nazzjonali ta' reġistrazzjoni tal-migranti u ttejjeb l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' flussi mħalltin ta' migranti. Il-Ftehim ta' Riammissjoni tal-UE qiegħed jiġi implimentat b'mod sodisfaċenti.

L-aċċess għall-proċedura tal-ażil kompli jiġi żgurat. Madankollu, il-proċedura kollha tal-ażil tista' ddum diversi snin, u dan ma huwiex effiċjenti u jżid ir-riskji li l-immigranti jmorru f'pajjiż ieħor. Il-Maċedonja ta' Fuq għad trid tindirizza, fost affarijiet oħrajn, il-valutazzjonijiet tal-kredibbiltà, ir-raġunament ġuridiku tad-deċiżjonijiet, u l-valutazzjoni individwali ta' ċirkostanzi personali tal-applikanti, filwaqt li tivvaluta b'mod korrett l-informazzjoni rilevanti u aġġornata dwar il-pajjiżi ta' oriġini, u tipprijoritizza każijiet manifestament fondati. Minkejja li hija garantita bil-liġi, ma għet implimentata l-ebda proċedura favorevoli għal persuni bi bżonnijiet speċjali. L-implimentazzjoni tal-proċedura tal-ażil għadha ma hijiex allinjata mal-acquis tal-UE. Fil-muniċipalità ta' Gazi Baba, innies maqbudin waqt movimenti irregolari għadhom jiġu detenuti b'mod arbitrarju fiċ-ċentru ta' akkoljenza għall-barranin, sabiex jiġi żgurat li jixhdu f'kawżi tal-qorti kontra l-persuni li jiffaċilitaw id-dħul klandestin ta' persuni. Madankollu, din il-prattika ma hijiex allinjata mal-istandards internazzjonali. Għad ma hemm l-ebda kontroll ġudizzjarju effettiv fuq il-prattiki ta' detenzjoni, u l-migranti f'detenzjoni ma jibbenefikawx minn konsulenza legali u minn assistenza sabiex ikollhom aċċess effettiv għall-ġustizzja u għal rimedji legali.

b) Jiġi żgurat allinjament ulterjuri tal-politika tal-Maċedonja ta' Fuq dwar il-viżi mal-lista tal-UE ta' pajjiżi terzi bir-reqwiżit ta' viża, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji ta' migrazzjoni irregolari jew għas-sigurtà għall-UE.

Il-Maċedonja ta' Fuq ma ħaditx azzjoni fl-2021 biex tkompli tallinja l-politika tal-pajjiżi dwar il-viżi ma' dik tal-UE. Iċ-ċittadini ta' diversi pajjiżi terzi, li jeħtieġu viża biex jidħlu fl-UE, huma eżentati mill-viża għall-Maċedonja ta' Fuq, inkluż l-Ażerbajġan, il-Botswana, Kuba, El Salvador u t-Turkija. Għandha tiġi evitata kwalunkwe devjazzjoni ulterjuri mil-lista tal-UE ta' pajjiżi b'rekwiżit ta' viża. Il-Maċedonja ta' Fuq għandha tiżgura progress fl-allinjament tal-politika tagħha mal-lista tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji ta' migrazzjoni irregolari jew għas-sigurtà għall-UE. Din se tkun tema importanti ta' dialoġu kontinwu bejn l-UE u l-Maċedonja ta' Fuq. Fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-viża u f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament dwar il-Viża, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja u tivvaluta kontinwament l-azzjoni tal-Maċedonja ta' Fuq lejn l-allinjament mal-politika tal-viża tal-UE.

1.2. Il-monitoraġġ tat-tendenzi fil-migrazzjoni irregolari, fl-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, fir-ritorni u fir-riammissjoni

Fl-2021, in-numru ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fl-Istati Membri minn ċittadini tal-Maċedonja ta' Fuq żdied bi kważi erba' darbiet (żieda ta' 293 %), b'5 345 applikazzjoni mressqin fl-2021 meta mqabblin ma' 1 360 fl-2020. Ir-rata ta' rikonoxximent naqset kemxejn minn 1,8 % fl-2020 għal 1,2 % fl-2021.

Fl-2021, ġew irrapportati total ta' 12-il każ ta' qsim irregolari tal-fruntieri miċ-ċittadini tal-Maċedonja ta' Fuq fil-livell tal-UE, meta mqabblin ma' 18 fl-2020. Fl-2021, in-numru ta' ċittadini

tal-Maċedonja ta' Fuq li nstab li kienu qegħdin joqogħdu b'mod irregolari baqa' relattivament stabbli meta mqabbel mas-sena ta' qabel, b'6 305 soġġorni irregolari fl-2021 meta mqabblin ma' 6 270 fl-2020 (żieda ta' anqas minn 1 %). In-numru ta' rifjuti ta' dħul żdied b'20 %, minn 2 415-il rifjut fl-2020 għal 2 905 fl-2021.

Is-sena l-oħra rat xejra ta' tnaqqis fin-numru ta': (i) deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġin lil ċittadini tal-Maċedonja ta' Fuq (2 200 fl-2021 kontra 2 360 fl-2020, tnaqqis ta' 7 %); u (ii) in-nies rimpatrijati (1 040 fl-2021 kontra 1 510 fl-2020, tnaqqis ta' 31 %). Madankollu, l-Istati Membri jirrapportaw kooperazzjoni tajba fir-rigward tar-ritorn u tar-riammissjoni.

2. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja, l-ordni pubbliku u s-sigurtà

Il-Maċedonja ta' Fuq kompliet tiegħu azzjoni kontra l-kriminalità organizzata (inkluż it-traffikar tad-droga u t-traffikar ta' bnedmin), il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus. Il-pajjiż kompli wkoll il-ġlieda kontra t-terroriżmu u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, bħala segwitu għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu għall-Balkani tal-Punent.

L-Istati Membri, il-Europol u l-Eurojust jirrapportaw kooperazzjoni ġenerali tajba mal-Maċedonja ta' Fuq fil-qasam tas-sigurtà. Fl-2021, il-Maċedonja ta' Fuq kompliet tikkoopera b'mod bilaterali mal-Istati Membri, li jinkludu ċ-Ċekja, il-Ġermanja, Franza u n-Netherlands.

Il-Kummissjoni għamlet ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt f'*Ir-Raba' Rapport taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża*.

a) Jittejjeb ir-rekord ta' kundanni finali f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, inkluż bil-konfiska ta' aktar assi kriminali.

Il-Maċedonja ta' Fuq kompliet timplimenta riformi fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, inkluż f'livell għoli. Aktar assi kriminali għandhom jiġu kkonfiskati fi proċedimenti kriminali: fl-2021 kien hemm biss erba' każijiet ta' konfiska ta' proprjetà. Il-konfiska tal-assi kriminali għandha ssir prijorità strateġika fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u l-korruzzjoni ta' livell għoli fil-pajjiż.

b) Jittejjeb aktar ir-rekord ta' investigazzjonijiet, ta' prosekuzzjonijiet u ta' kundanni b'rabta mal-kriminalità organizzata u mal-ħasil tal-flus.

Il-Maċedonja ta' Fuq għamlet progress fil-konsolidazzjoni tar-rekord tagħha ta' investigazzjonijiet, ta' prosekuzzjonijiet u ta' kundanni b'rabta mal-kriminalità organizzata u mal-ħasil tal-flus. Għall-ħasil tal-flus, fl-2021, ġew ippreżentati atti tal-akkuża kontra disa' individwi, u ngħataw verdetti tal-Prim'Istanza għal seba' individwi u ngħataw verdetti tat-tieni istanza għal żewġ individwi. Għall-kriminalità organizzata, fl-2021, infetħu 17-il investigazzjoni kontra 119-il individwu. Tressqu wkoll atti tal-akkuża kontra 55 individwu. Saru investigazzjonijiet finanzjarji fi 3 każijiet. Il-konfiska tal-assi kriminali ma tintużax biżżejjed, (10 każijiet biss b'deċiżjonijiet tal-Prim'Istanza sabiex jiġu kkonfiskati assi li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma ta' valur żgħir, eż. karozzi, flus u mowbajls).

Fir-rigward tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-Maċedonja ta' Fuq adottat valutazzjoni nazzjonali ġdida tar-riskju f'Ġunju 2021, kif ukoll pjan ta' azzjoni li għandu jiġi implimentat sal-2024. Ġie stabbilit ukoll reġistru tas-sidien benefiċjarji, filwaqt li għad irid jiġi stabbilit reġistru komprensiv tal-kontijiet bankarji.

c) *Tiżdid il-parteċipazzjoni f'investigazzjonijiet u fi prosekuzzjonijiet koordinati jew konġunti mal-pajjiżi fir-reġjun u mal-Istati Membri.*

Il-Maċedonja ta' Fuq żiedet il-kooperazzjoni strateġika u operazzjonali tagħha mas-sħab internazzjonali billi ħadet sehem fi proġetti konġunti mal-INTERPOL, mal-Europol, mas-SELEC, mas-CEPOL, mal-Frontex u mal-OSKE. BI-EMPACT, il-pajjiż ipparteċipa wkoll f'operazzjonijiet aktar bilaterali u multilaterali (jiem ta' azzjoni konġunta) u f'attivitajiet oħrajn sabiex jiġi intensifikat l-iskambju ta' informazzjoni operazzjonali mal-INTERPOL, mal-Europol, mas-SELEC u mal-Istati Membri.

Il-pajjiż kompli jwettaq pjan nazzjonali għar-riintegrazzjoni, għas-soċjalizzazzjoni mill-ġdid u għar-riabilitazzjoni ta' ġellieda terroristi barranin li jirritornaw u tal-familji tagħhom. Madankollu, huwa meħtieġ aktar progress sabiex jiġi żviluppat approċċ uniku u komprensiv li jitratta din il-kwistjoni.

d) *Isir użu sħiħ miċ-Ċentru Nazzjonali ta' Koordinazzjoni għall-Ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata.*

Il-Ċentru Nazzjonali ta' Koordinazzjoni għall-Ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata u Serja huwa operazzjonali, iżda jeħtieġ li jtejjeb il-kapaċità operazzjonali tiegħu peress li mhux l-awtoritajiet kollha stazzjonaw membri fiċ-Ċentru, u dan qiegħed jillimita l-effiċjenza tiegħu. Ikkontribwixxa għall-ġħoti ta' *data* u għall-iffaċilitar tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet parteċipanti, u b'hekk appoġġa l-isforzi tagħhom fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u serja.

e) *Ikompli jsir progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu għall-Balkani tal-Punent.*

Il-Maċedonja ta' Fuq għamlet progress sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-arranġament bilaterali skont il-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu għall-Balkani tal-Punent, u l-partijiet qablu li jaġġornaw l-arranġament. Il-Maċedonja ta' Fuq ippreżentat ir-raba' rapport *interim* f'Marzu 2022. Huma meħtieġa aktar sforzi sabiex jiġu implimentati l-attivitajiet li jifdal stabbiliti fl-arranġament.

Il-Kumitat Nazzjonali għall-Ġlieda Kontra l-Estremità Vjolenti u l-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu pparteċipa fi proġetti u f'workshops sabiex jagħti spinta lill-kooperazzjoni reġjonali dwar is-sigurtà u lill-bini tal-kapaċitajiet sabiex jiġu indirizzati l-isfidi fir-riintegrazzjoni ta' ġellieda terroristi barranin u fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tal-estremità vjolenti. Il-Maċedonja ta' Fuq stabbiliet ukoll grupp ta' ħidma bejn l-aġenziji u stabbiliet skwadra ta' azzjoni nazzjonali sabiex jiġi miġġieled it-terroriżmu. Il-pajjiż ikkollabora u jiskambja informazzjoni b'mod effettiv mal-Europol dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u lesta miżuri ta' implimentazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

f) *Jiġi implimentat bis-sħiħ il-modulu l-ġdid dwar tranżazzjonijiet suspettużi rrapportati mill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) u jiġi stabbilit rekord dwar l-użu tiegħu mill-uffiċċji tal-prosekuzzjoni.*

Is-sistema ta' ġestjoni tal-każijiet tal-IT ġiet implimentata mill-UIF. L-awtoritajiet kompetenti (bħall-Ministeru għall-Intern, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, l-Eżattorja Pubblika, l-Uffiċċju tal-Pulizija Finanzjarja, u l-Amministrazzjoni Doganali) jissottomettu rapporti dwar tranżazzjonijiet suspettużi lill-UIF b'mod elettroniku. Jekk l-ipproċessar u l-analiżi ta' tali *data* jiżvelaw suspetti ta' ħasil tal-flus, ta' finanzjament tat-terroriżmu jew ta' reati oħrajn, l-UIF tissottometti rapport jew avviż lill-awtoritajiet kompetenti.

F'Jannar 2021, l-UIF stabbiliet sistema elettronika għall-monitoraġġ tal-eżitu tal-passi meħudin mill-istituzzjonijiet kompetenti wara s-sottomissjoni mill-UIF ta' rapport jew ta' avviż. Barra minn hekk, sabiex tinkiseb stampa sħiħa tal-effiċjenza u tal-effettività tas-sistema, l-UIF daħħlet kull rapport jew avviż ippreżentat lill-awtoritajiet kompetenti mill-bidu tal-2017 fis-sistema ta' monitoraġġ tal-każijiet.

g) Jiġi evitat l-iffaċilitar tal-kisba sistematika ta' ċittadinanza għal interess ekonomiku speċjali.

Il-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza tal-Maċedonja ta' Fuq tippermetti l-kisba ta' ċittadinanza għal interess ekonomiku speċjali mingħajr ebda rekwiżit ta' residenza preċedenti. Minn Ottubru 2021, 115-il individwu kienu kisbu ċittadinanza għal interess ekonomiku, li tirrappreżenta żieda meta mqabbla mal-2020 (sa Diċembru 2020, 103 individwi kienu kisbu ċittadinanza għal interess ekonomiku). Fid-dawl tal-fatt li l-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza tal-Maċedonja ta' Fuq tippermetti l-akkwist ta' ċittadinanza għal interess ekonomiku speċjali mingħajr ebda rekwiżit ta' residenza preċedenti, kif ukoll tan-numri ta' applikanti totali u ta' suċċess, ir-riskji migratorji u ta' sigurtà li dan jista' joħloq għall-UE qegħdin jiġu mmonitorjati mill-qrib. Il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni tal-Maċedonja ta' Fuq lejn dawn ir-riskji. L-għoti sistematiku ta' ċittadinanza bi skambju għall-investment huwa ta' tħassib kbir għall-UE u jista' jkollu impatt fuq is-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża peress li jista' jintuża sabiex jiġu evitati l-proċedura tal-viża għal soġġorn qasir u l-valutazzjoni fil-fond tar-riskji migratorji u ta' sigurtà individwali li jinvolvi. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li, jekk l-implimentazzjoni ta' din il-liġi titqies li tikkostitwixxi riskju akbar għas-sigurtà interna u għall-ordni pubbliku tal-Istati Membri, is-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża tista' tiġi sospiza²¹.

3. Rakkomandazzjonijiet għall-Maċedonja ta' Fuq

Il-Maċedonja ta' Fuq ħadet azzjoni sabiex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, u fil-kisba ta' ċittadinanza għal interess ekonomiku speċjali. B'mod partikolari, jeħtieġ li jiġu indirizzati aktar l-oqsma li ġejjin.

- a) L-allinjament, bħala kwistjoni ta' prijorità, tal-politika tal-Maċedonja ta' Fuq dwar il-viżi mal-lista tal-UE ta' pajjiżi terzi bir-rekwiżit ta' viża, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji ta' migrazzjoni irregolari jew għas-sigurtà għall-UE.
- b) Jitfasslu kampanji ta' informazzjoni dwar is-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża għal profili ta' migranti rilevanti, inklużi gruppi vulnerabbli, dawk li jibqgħu lil hinn mill-perjodu li għalih ingħataw l-approvazzjoni sabiex jidħlu (soġġorni għal żmien eċċessiv), u dawk li jressqu applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi.
- c) Jiġi evitat l-iffaċilitar tal-kisba sistematika ta' ċittadinanza għal interess ekonomiku speċjali.
- d) Jiġu adottati strateġiji aġġornati għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti u jkompli jsir progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunta dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu għall-Balkani tal-Punent.
- e) Ikompli jsiru sforzi għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u kontra l-kriminalità organizzata billi: (i) jittejjeb ir-rekord ta' kundanni finali f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli,

²¹ F'dan ir-rigward, ara d-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/366 tat-3 ta' Marzu 2022 dwar is-sospensjoni parzjali tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Vanuatu dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perjodu qasir (ĠU L 69, 4.3.2022, p. 105).

inkluż bil-konfiska ta' assi kriminali; (ii) jittejjeb ir-rekord ta' investigazzjonijiet, ta' prosekuzzjonijiet u ta' kundanni b'rabta mal-kriminalità organizzata u mal-ħasil tal-flus; (iii) jittieħed sehem f'aktar investigazzjonijiet u fi prosekuzzjonijiet koordinati jew konġunti mal-pajjiżi fir-reġjun u mal-Istati Membri; u (iv) isir użu sħiħ miċ-Ċentru Nazzjonali ta' Koordinazzjoni għall-Ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata u Serja.

V. Is-Serbja

1. Il-migrazzjoni, l-ażil u r-riammissjoni

1.1 Azzjoni meħuda fil-qasam tal-migrazzjoni, tal-ażil u tal-kooperazzjoni fir-riammissjoni

Fl-2021, is-Serbja kompliet tiegħu azzjoni fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni u f'dak tal-ażil. L-Istati Membri b'mod ġenerali rrapportaw kooperazzjoni tajba mas-Serbja fil-ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-fruntieri, kif ukoll dwar fir-ritorn u fir-riammissjoni. Il-qafas legali għall-kontroll fuq il-fruntiera huwa fil-biċċa l-kbira armonizzat mal-acquis tal-UE. Is-Serbja kompliet timplimenta b'mod effettiv l-istrateġija ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri u l-pjan ta' azzjoni tagħha, filwaqt li baqgħet taħt pressjoni migratorja serja bħal pajjiżi oħrajn tal-Balkani tal-Punent. Kompliet timplimenta l-pjan direzzjonali sabiex issaħħaħ l-ażil u l-akkoljenza kif miftiehem mal-Aġenzija tal-UE għall-Ażil.

Kien hemm kooperazzjoni regolari mal-Europol f'ħafna livelli sabiex tiġi miġġielda l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali. Is-Serbja pparteċipat f'diversi operazzjonijiet internazzjonali li jiġġieldu l-migrazzjoni irregolari u t-traffikar ta' bnedmin. Il-pajjiż qiegħed jimplimenta wkoll strateġija għall-prevenzjoni u għat-tmim tat-traffikar ta' bnedmin għall-2017 sal-2022, li tiffoka fuq il-protezzjoni tan-nisa u tat-tfal. L-awtoritajiet Serbi komplew isaħħu l-kapaċità tagħhom sabiex jakkomodaw u jieħdu ħsieb il-migranti fil-kuntest speċifiku tal-pandemija tal-COVID-19.

Il-Ftehim dwar l-Istatus bejn il-Frontex u s-Serbja²² daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021. Uffiċjal ta' Kollegament tal-Frontex huwa stazzjonat f'Belgrad (b'mandat reġjonali li jkopri s-Serbja, il-Bożnija-Herzegovina, u l-Montenegro). L-operazzjoni konġunta tal-Frontex u tas-Serbja tnediet fis-16 ta' Ġunju 2021 bil-għan li tiġi kkontrollata l-immigrazzjoni irregolari, tiġi indirizzata l-kriminalità transfruntiera u tissaħħaħ il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi. L-operazzjoni konġunta tal-2022 għadha għaddejja.

Stat Membru partikolari indika problema sinifikanti ta' riammissjoni minħabba differenza fl-interpretazzjoni ta' ftehim bilaterali; in-negozjati sabiex din tiġi solvuta għadhom għaddejjin. Stat Membru ieħor ikkomunika dwar il-kooperazzjoni sabiex jiġi miġġieled l-użu ta' dokumenti tal-ivvjaġġar foloz/iffalsifikati. Barra minn hekk, Stat Membru ieħor irrapporta li tkissru tliet networks ta' immigrazzjoni illegali mis-Serbja.

Il-Kummissjoni għamlet ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt f'*Ir-Raba' Rapport taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża*.

²² Il-“Ftehim dwar l-Istatus” bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja.

a) *Jiġi adottat il-pjan ta' azzjoni ta' Schengen u jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet rilevanti kollha tal-gvern ikunu involuti biżżejjed.*

L-implimentazzjoni tal-proġett ta' ġemellaġġ "L-iżvilupp tal-pjan ta' azzjoni ta' Schengen" (IPA 2014) bdiet f'Ottubru 2018; L-Ungerija u l-Litwanja kienu s-sħab esterni tal-Ministeru għall-Intern Serb. Il-proġett evalwa l-qafas legali tas-Serbja u l-konformità tiegħu mal-acquis ta' Schengen, u kkontribwixxa għall-allinjament tal-leġislazzjoni nazzjonali mal-acquis ta' Schengen. Ir-riżultat kien dokument li jista' jintuża sabiex jiġi ffinalizzat l-abbozz tal-pjan ta' azzjoni għas-sħubija fiż-żona Schengen. Il-proġett intemm f'Diċembru 2021.

b) *Jiġu żviluppati u adottati strateġija u pjan ta' azzjoni ġodda għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri (IBM) f'konformità mal-kunċetti ġodda tal-IBM.*

Fid-19 ta' Awwissu 2021, twaqqaf grupp ta' ħidma speċjali u ngħata l-kompitu li jabbozza l-istrateġija integrata tal-ġestjoni tal-fruntieri tal-2022 sal-2027 fir-Repubblika tas-Serbja. Bħalissa għaddejjja l-adozzjoni tal-istrateġija u tal-pjan ta' azzjoni.

c) *Jitfasslu kampanji ta' informazzjoni dwar is-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża għal profili ta' migranti rilevanti, inklużi gruppi vulnerabbli, daww li jibqgħu lil hinn mill-perjodu li għalih ingħataw l-approvazzjoni sabiex jidhru (soġġorni għal żmien eċċessiv), u daww li jressqu applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi.*

Fl-2021, ġew iffinanzjati 34 programm sabiex titqajjem sensibilizzazzjoni tar-refuġjati, tal-persuni spostati internament u tal-persuni rimpatrijati dwar is-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża, kif ukoll l-integrazzjoni soċjali tagħhom u l-mekkaniżmi disponibbli għall-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom. Il-gvern iffinanzja lill-awtoritajiet lokali sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-persuni rimpatrijati. Il-Ministeru għall-Intern qiegħed jimplimenta l-istrateġija għar-riintegrazzjoni ta' persuni rimpatrijati u l-istrateġija għall-inklużjoni soċjali tal-irġiel u tan-nisa Rom fir-Repubblika tas-Serbja għall-2016 sal-2025.

d) *Jiġi żgurat allinjament ulterjuri tal-politika tas-Serbja dwar il-viżi mal-lista tal-UE ta' pajjiżi terzi bir-reqwiżit ta' viża, b'mod partikolari fir-rigward ta' daww il-pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji ta' migrazzjoni irregolari jew għas-sigurtà għall-UE.*

Il-politika tas-Serbja dwar il-viżi ma hijiex allinjata mal-lista ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma soġġetti għal viża għal soġġorni qosra fl-UE. Iċ-ċittadini tal-pajjiżi li ġejjin li jinsabu fil-lista tal-UE ta' pajjiżi b'reqwiżit ta' viża huma eżentati mill-viża għas-Serbja: l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Bahrain, il-Belarużja, il-Bolivja, iċ-Ċina, Kuba, il-Guinea Bissau, l-Indja, l-Indoneżja, il-Ġamajka, il-Kirgistan, il-Kuwajt, il-Każakistan, il-Mongolja, l-Oman, il-Qatar, ir-Rużja, is-Suriname u t-Turkija.

In-nuqqas ta' allinjament mal-politika tal-UE dwar il-viżi wassal dejjem aktar għal flussi irregolari fuq ir-rotta tal-Balkani tal-Punent, li qed iħalli impatt negattiv fuq l-implimentazzjoni tas-sistema tas-Serbja tal-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni, u għandu jiġi indirizzat bħala kwistjoni ta' prijetà. L-evidenza mill-ewwel xhur tal-2022 tindika b'mod partikolari li ċ-ċittadini tal-Burundi, tat-Tuneżija, tal-Indja, ta' Kuba u tat-Turkija kienu qed jitolqu mis-Serbja sabiex ikomplu l-vjaġġi irregolari lejn l-Istati Membri tul ir-rotta migratorja tal-Balkani tal-Punent. Il-politiki dwar il-viża ta' pajjiżi terzi jista' jkollhom influwenza sinifikanti fuq il-movimenti ta' migrazzjoni irregolari lejn l-UE. Għalhekk, l-allinjament tal-politika dwar il-viżi ma' dik tal-UE jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża bejn dawn is-sħab u l-UE. Fl-20 ta' Ottubru 2022, is-Serbja infurmat lill-Kummissjoni li adottat deċiżjoni li tistabbilixxi reqwiżit ta' viża

għaċ-ċittadini tal-Burundi²³ u tat-Tuneżija²⁴, f'konformità mal-impenji tas-Serbja fl-oġġla livell politiku lejn il-Kummissjoni. Is-Serbja impenjat ruħha li tkompli tallinja mal-lista ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma soġġetti għal viża għal soġġorni qosra fl-UE, b'mod partikolari billi tistabbilixxi l-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini tal-Indja sa tmiem l-2022. Il-Kummissjoni tistenna aktar allinjament tal-viża f'konformità ma' dawn l-impenji u tistenna bil-ħerqa aktar dettalji mis-Serbja dwar il-passi li għandhom jittieħdu u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom. Fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-eżenzjoni ta' viża u f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament dwar il-Viża, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja u tivvaluta kontinwament l-azzjoni tas-Serbja lejn l-allinjament mal-politika tal-viża tal-UE.

1.2 Il-monitoraġġ tat-tendenzi fil-migrazzjoni irregolari, fl-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, fir-ritorni u fir-riammissjoni

Fl-2021, tressqu 3 390 applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali miċ-ċittadini Serbi fl-Istati Membri, żieda ta' 22 % meta mqabbla mal-2020 (2 780). Ir-rata ta' rikonossiment żdiedet minn 4 % fl-2020 għal 6 % fl-2021.

Il-każijiet ta' qsim irregolari tal-fruntieri esterni tal-UE minn ċittadini Serbi żdiedu bi 28 % minn 21 fl-2020 għal 37 fl-2021. In-numru ta' ċittadini Serbi li nstab li kienu qegħdin jgħixu b'mod irregolari fl-Istati Membri naqas bi 12 %, b'14 430 persuna fl-2021 meta mqabblin ma' 16 355 fl-2020. Madankollu, fl-2021, wara t-tnaqqis kostanti rreġistrat mill-2018, in-numru ta' ċittadini mis-Serbja li ġew irrifjutati milli jidħlu żdied bi 15 % (8 265 fl-2021 kontra 7 210 fl-2020).

Kemm in-numru ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġin liċ-ċittadini Serbi (5 650 fl-2021 meta mqabblin ma' 6 265 fl-2020) kif ukoll in-numru ta' persuni rimpatrijati (3 020 fl-2021 kontra 3 540 fl-2020) naqsu rispettivament b'10 % u bi 15 % fl-2021 meta mqabblin mal-2020. Il-Frontex tirrapporta esperjenza ġeneralment tajba fl-attivitajiet relatati mar-ritorn imwettqin fis-Serbja.

2. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja, l-ordni pubbliku u s-sigurtà

Is-Serbja kompliet bl-azzjoni tagħha dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (inkluż it-traffikar ta' droga u ta' bnedmin), il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-prevenzjoni tal-korruzzjoni, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. B'mod ġenerali, l-Istati Membri jirrapportaw kooperazzjoni tajba mas-Serbja fil-qasam tas-sigurtà. Is-Serbja kompliet tikkoopera mal-Europol u mal-Eurojust u kienet involuta f'attivitajiet konġunti ma' diversi Stati Membri. Il-kanal ta' komunikazzjoni sigura SIENA huwa operazzjonali u jintuża regolarment. Il-kooperazzjoni bejn is-Serbja u s-CEPOL hija stabbilita sew.

L-ewwel stadju tar-riforma kostituzzjonali li kellu l-għan li jsaħħaħ l-indipendenza tal-ġudikatura tlesta b'suċċess fi Frar 2021 bil-promulgazzjoni tal-emendi kostituzzjonali fil-Parlament. Il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni, li hija skedata sabiex tiġi adottata sa Frar 2023, se tkun importanti għat-tisħiħ tal-garanziji kontra influwenza politika potenzjali fuq il-ġudikatura.

Fl-2021, is-Serbja intensifikat l-operazzjonijiet kontra l-kriminalità organizzata wara tnaqqis fl-attivitajiet fl-2020 bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19. Sar sforz partikolari fil-ġlieda kontra l-kuntribandu tad-drogi u l-manifattura u l-kummerċ illeċiti tal-armi. Twettqu ħafna attivitajiet

²³ Id-deċiżjoni daħlet fis-seħħ fit-22 ta' Ottubru 2022.

²⁴ Id-deċiżjoni daħlet fis-seħħ fl-20 ta' Novembru 2022.

operazzjonali f'kooperazzjoni mal-Europol; Il-pulizija tas-Serbja ħadet sehem ukoll f'ħafna proġetti analitiċi tal-EMPACT. Is-Serbja rrapportat kollaborazzjoni partikolarment mill-qrib ma' Stat Membru wieħed sabiex tittejjeb il-kooperazzjoni internazzjonali fil-konfiska tal-assi kriminali. Fit-tieni nofs tal-2021, bdiet hídma preliminari sabiex jiġi emendat il-Kodiċi Kriminali, b'enfasi fuq il-kriminalità organizzata, b'mod partikolari fuq il-prevenzjoni tal-manifattura illegali u tal-kuntrabandu tal-armi.

Madankollu, għad hemm numru ta' sfidi sinifikanti. In-networks kriminali li joriġinaw mis-Serbja, jew b'rabtiet magħha, għadhom attivi fl-UE. L-attivitajiet kriminali tagħhom huma diversi u jinkludu l-kriminalità organizzata kontra l-proprjetà (serq mid-djar, reati konnessi ma' vetturi bil-mutur, serq), il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, il-kriminalità ċiberdipendenti, il-frodi ta' ħlas mhux bi flus kontanti, il-produzzjoni u t-traffikar tat-tabakk illeċitu, u t-traffikar ta' droga (speċjalment it-traffikar tal-kokaina u tal-eroina)²⁵. Is-Serbja hija pajjiż ta' tranżitu importanti għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali tul ir-rotta tal-Balkani tal-Punent, u għalhekk il-persuni Serbi li jiffaċilitaw id-dħul klandestin ta' persuni huma involuti b'mod attiv fit-trasport ta' migranti irregolari madwar ir-reġjun. F'diversi Stati Membri, in-networks tat-traffikar Serbi jisfruttaw il-vittmi, inklużi l-minorenni, speċjalment fl-isfruttament ta' ħaddiema u fil-kriminalità furzata. Fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, is-Serbja tqis ir-ritorn ta' ġellieda terroristi barranin bħala l-akbar problema ta' sigurtà tagħha.

Il-Kummissjoni għamlet ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt f'*Ir-Raba' Rapport taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża*.

a) It-titjib tar-rekord ta' investigazzjonijiet, ta' atti tal-akkuża u ta' kundanni finali f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, inklużi l-qbid u l-konfiska ta' assi kriminali.

Is-Serbja għamlet bidliet sabiex ittejjeb il-kejl tar-rekord tagħha ta' investigazzjonijiet, ta' prosekuzzjoni u ta' kundanni finali f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, inklużi l-qbid u l-konfiska ta' assi kriminali.

F'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, kien hemm żieda żgħira fin-numru ta' atti tal-akkuża u ta' kundanni finali fl-2021 meta mqabbel mal-2020.

Fuq il-bażi tal-atti tal-akkuża mill-Uffiċċju tal-Prosekutur għall-Kriminalità Organizzata, il-qrati qatgħu sentenzi tal-Prim'Istanza kontra 10 individwi fl-2021 (meta mqabblin ma' 22 fl-2020). Kien hemm kundanni finali kontra 19-il individwu (meta mqabblin ma' 11 fl-2020). L-Uffiċċju tal-Prosekutur għall-Kriminalità Organizzata ordna investigazzjonijiet kontra 22 individwu u ħareġ 22 att tal-akkuża (meta mqabblin ma' 19 fl-2020). Bħal fl-2020, ma kien hemm l-ebda każ b'konfiska finali tal-assi (meta mqabbla ma' 3 fl-2019). Is-Serbja għad trid tibni rekord konvinċenti ta' konfiska tal-assi f'każijiet ta' korruzzjoni.

Fl-2021, id-dipartimenti speċjali għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-uffiċċji tal-prosekuzzjoni oġġla rċeview 3 035 ilment kriminali (meta mqabblin ma' 2 936 fl-2020). Huma ordnaw 270 investigazzjoni u fetħu investigazzjonijiet finanzjarji paralleli kontra 67 individwu (meta mqabblin ma' 23 fl-2020). B'kollox inħarġu 540 att tal-akkuża (470 fl-2020). Il-qrati qatgħu sentenzi kontra

²⁵ Il-kontributi tal-Istati Membri għall-Valutazzjoni mill-UE tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata tal-2021.

271 individwu fil-Prim'Istanza fuq il-bażi tal-atti tal-akkuża minn dawn id-dipartimenti (230 fl-2020). Kien hemm kundanni finali kontra 255 individwu (meta mqabblin ma' 195 fl-2020).

Fl-2021, il-prosekuzzjonijiet ta' ġurisdizzjoni ġenerali (mhux dipartimenti speċjalizzati) ħarġu 29 ordni sabiex jiġu investigati reati ta' korruzzjoni u ta' kriminalità ekonomika (22 fl-2020) u ppreżentaw anqas atti tal-akkuża milli fl-2020 minħabba t-trasferiment gradwali tal-kawżi lid-dipartimenti speċjalizzati (63 att tal-akkuża fl-2021 kontra 136 fl-2020). Il-qrati kkundannaw 132 individwu fil-Prim'Istanza u 80 individwu fl-aħħar istanza. Konfiska finali tal-assi seħħet biss f'każ wieħed (kontra tlieta fl-2020).

b) Tiġi adottata strateġija ġdida kontra l-korruzzjoni sostnuta minn pjan ta' azzjoni kredibbli u realistiku u minn mekkaniżmu ta' koordinazzjoni effettiv.

Minħabba li l-istrateġija nazzjonali kontra l-korruzzjoni għall-2013 sal-2018 skadiet, is-Serbja jeħtieġ li tadotta u tibda timplimenta strateġija ġdida sostnuta minn pjan ta' azzjoni realistiku u minn mekkaniżmu ta' koordinazzjoni effettiv. Madankollu, l-iżvilupp ta' din l-istrateġija u tal-pjan ta' azzjoni l-ġdid għadu għaddej.

Għal setturi partikolarment vulnerabbli għall-korruzzjoni, f'Settembru 2021 is-Serbja adottat il-pjan operazzjonali għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni f'oqsma ta' riskju speċjali.

Fl-aħħar nett, il-Ministeru għall-Edukazzjoni adotta pjan operazzjonali speċifiku għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-edukazzjoni f'Ottubru 2021, u l-Ministeru għas-Saħħa adotta pjan kontra l-korruzzjoni fis-settur tas-saħħa f'Diċembru 2021. Iż-żewġ pjanijiet għandhom jiġu implimentati fl-2022.

c) Ikompli jsir progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu għall-Balkani tal-Punent.

Taħt l-Objettiv 1 tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunta, f'Diċembru 2021, il-gvern ħatar lill-Ministru għall-Intern bħala l-Koordinatur Nazzjonali għall-Prevenzjoni u għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu. Jeżisti Korp Nazzjonali ta' Koordinazzjoni, inkarigat mill-koordinazzjoni tal-prevenzjoni u tal-ġlieda kontra t-terroriżmu.

Taħt l-Objettiv 2, il-gvern kompli jwettaq il-pjan ta' azzjoni sabiex jidentifika r-ritorn ta' ġellieda terroristiċi b'ċittadinanza Serba meta jaqsmu l-fruntiera tal-Istat.

d) Jiġdiedu l-isforzi fil-prevenzjoni tal-forom kollha tar-radikalizzazzjoni li jwasslu għall-estremiżmu vjolenti u għat-terroriżmu, inkluż l-estremiżmu vjolenti tal-lemin.

Is-Serbja għaddejja bl-isforzi f'dan il-qasam. Fl-2021, il-pjattaforma SIENA ntużat b'mod intensiv. Bejn April u Mejju 2021, is-Serbja, flimkien mal-Europol, immirat kontenut estremist online. Iċ-Ċekja wriet kooperazzjoni mas-Serbja fil-ġlieda kontra l-aħbarijiet foloz sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-ġurnalisti u tal-osservaturi elettorali sabiex jikkonfrontaw id-diżinformazzjoni u l-propaganda.

3. Rakkomandazzjonijiet għas-Serbja

Is-Serbja ħadet azzjoni sabiex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi fil-politika dwar il-viżi, fil-ġestjoni tal-fruntieri, fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u kontra l-kriminalità organizzata, u fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-forom kollha ta' estremiżmu vjolenti. B'mod partikolari, jeħtieġ li jiġu indirizzati aktar l-oqsma li ġejjin.

- a) Jiġu adottati strateġija u pjan ta' azzjoni ġodda għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri (IBM) f'konformità mal-kunċetti ġodda tal-IBM.
- b) Segwitu għall-impenji fl-ogħla livell politiku u l-allinjament, bħala kwistjoni ta' prijorità, tal-politika tas-Serbja dwar il-viżi mal-lista tal-UE ta' pajjiżi terzi bir-rekwiżit ta' viża, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji ta' migrazzjoni irregolari jew għas-sigurtà għall-UE.
- c) Tiġi adottata strateġija ġdida kontra l-korruzzjoni segwita minn pjan ta' azzjoni kredibbli u realistiku.
- d) Jittejjeb ir-rekord fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, inklużi t-traffikar ta' droga, il-ħasil tal-flus, il-konfiska tal-assi kriminali u l-isfruttament tal-migranti fl-Istati Membri.
- e) Titkompla l-implimentazzjoni tal-arranġament bilaterali skont il-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu għall-Balkani tal-Punent, speċjalment dwar il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu (l-Objettiv 4) u l-protezzjoni ta' infrastrutturi kritiċi (l-Objettiv 5); jiġu adottati l-istrateġija l-ġdida u l-pjan ta' azzjoni dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, li jkopru l-forom kollha ta' radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti (irrispettivament mill-għeruq politiċi, reliġjużi jew etnonazzjonalisti tagħhom) f'konformità mal-politiki tal-UE.

VI. Il-Georgia

1. Il-migrazzjoni, l-ażil u r-riammissjoni

1.1. L-azzjoni meħuda sabiex jiġi żgurat l-issodisfar kontinwu tal-parametri referenzjarji tal-liberalizzazzjoni tal-viża

L-Istati Membri kkonfermaw kooperazzjoni tajba kontinwa dwar ir-ritorn u r-riammissjoni mal-awtoritajiet Georgjani. Is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Każijiet ta' Riammissjoni stabbilita sew uriet li kienet partikolarment utli matul il-pandemija. L-isforzi sabiex tiġi ffaċilitata r-riintegrazzjoni professjonali u soċjali tal-persuni rimpatrijati komplew permezz tal-programm ta' riintegrazzjoni tal-Istat.

Fil-11 ta' Frar 2021 ġie ffirmat arranġament ta' ħidma rivedut bejn il-Frontex u l-Georgia²⁶. Permezz ta' kooperazzjoni avvanzata mal-Frontex, il-Georgia tipparteċipa f'operazzjonijiet konġunti u f'operazzjonijiet ta' ritorn bi ġbir. Aktar uffiċjali tal-Frontex ġew skjerati fl-ajruporti internazzjonali tal-Georgia, u uffiċjali tal-pulizija tal-Georgia ġew skjerati f'ajruporti f'dawk l-Istati Membri kkonċernati.

Il-Georgia qiegħda tapplika l-istrateġija l-ġdida dwar il-migrazzjoni għall-2021 sal-2030 u l-pjan ta' azzjoni relatat għall-2022. Fl-2021, il-pajjiż sar osservatur fin-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni. F'Awwissu 2021, ġie adottat pjan ta' azzjoni ġdid sabiex titnaqqas l-apolidija.

²⁶ <https://frontex.europa.eu/media-centre/news/news-release/frontex-renews-working-arrangement-with-georgia-e0212v#:~:text=Under%20the%20revised%20arrangement%2C%20Frontex,of%20border%20management%20and%20return.>

L-aħħar strateġija integrata għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-pjan ta' azzjoni rispettiv skadew fl-2018. Il-ġodda għadhom ma ġewx approvati: id-data tal-approvazzjoni mistennija l-ġdida hija l-ħarifa tal-2022. L-isforzi sabiex jissaħħu s-sikurezza u s-sigurtà fil-fruntieri b'infrastruttura ġdida u b'taġħmir addizzjonali komplew, bit-tisħiħ tal-kapaċità tal-art, tal-ajru u tal-baħar.

Il-Georgia tikkoopera regolarment, kemm operazzjonalment kif ukoll analitikament, mal-Europol, inkluż dwar il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali. Sabiex jimmira n-networks kriminali involuti f'din l-attività, il-pajjiż jikkoopera b'mod bilaterali mal-Istati Membri, inkluż permezz ta' network estensiv ta' attachés tal-pulizija.

Il-Georgia rrapportat li kienet qiegħda tiskambja informazzjoni mal-INTERPOL dwar passaporti mitlufin u misruqin. Il-passaporti mhux bijometriċi se jitneħħew b'mod gradwali u kompletament sal-31 ta' Diċembru 2024, meta jiskadu d-dokumenti mhux bijometriċi kollha. Sal-1 ta' Jannar 2022, in-numru li jifdal ta' passaporti mhux bijometriċi validi kien jammonta għal 12 371.

Stat Membru wieħed irrapporta kooperazzjoni mal-Georgia dwar il-ġlieda kontra l-frodi tad-dokumenti. Ftehim bilaterali għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali ġie ffirmat ma' Stat Membru ieħor.

1.2. Azzjoni meħuda sabiex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet f'*Ir-Raba' Rapport taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża* dwar il-migrazzjoni

a) *Tkompli tiġi indirizzata b'mod proattiv il-kwistjoni tal-applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi fl-Istati Membri; Jitfasslu kampanji ta' informazzjoni dwar is-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża għal profili ta' migranti rilevanti, inklużi gruppi vulnerabbli, daww li jibqgħu lil hinn mill-perjodu li għalih ingħataw l-approvazzjoni sabiex jidħlu (soġġorni għal żmien eċċessiv), u applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi.*

Il-Georgia għamlet sforz sinifikanti sabiex tindirizza applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi fl-Istati Membri. Mill-1 ta' Jannar 2021, 2 202 ċittadini ma tħallewx jitolqu mill-pajjiż fuq il-bażi ta' leġiżlazzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet jipprevjenu tluq lejn l-Istati Membri jekk ma jiġux issodisfati l-kundizzjonijiet bażiċi (mezzi ta' sussistenza, eċċ.). In-nies li jgħinu li-ċittadini tal-Georgia li jkunu qegħdin jgħixu barra l-pajjiż illegalment jistgħu jiġu mħarrkin, għalkemm l-awtoritajiet jagħrfu li ma huwiex faċli li jiġu implimentati daww il-proċeduri.

Il-Georgia wettqet ukoll kampanji mmirati ta' informazzjoni/sensibilizzazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-ivvjaġġar u tar-residenza fl-UE.

b) *Jiġi żgurat allinjament ulterjuri tal-politika tal-Georgia dwar il-viżi mal-lista tal-UE ta' pajjiżi terzi bir-reqwiżit ta' viża, b'mod partikolari fir-rigward ta' daww il-pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji ta' migrazzjoni irregolari jew għas-sigurtà għall-UE.*

Il-politika tal-Georgia dwar il-viżi ma hijiex allinjata mal-lista ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma soġġetti għal viża għal soġġorni qosra fl-UE. Il-pajjiżi li ġejjin li jinsabu fil-lista tal-UE b'reqwiżit ta' viża huma eżentati mill-viża għall-Georgia: El Salvador, l-Ekwador, l-Iran, il-Ġordan, il-Każakistan, il-Kuwajt, il-Kirgistan, il-Libanu, l-Oman, il-Qatar, ir-Russja, l-Arabja Sawdija, l-Afrika t'Isfel, it-Taġikistan, it-Tajlandja, it-Turkija, it-Turkmenistan u l-Użbekistan. Fl-2021, il-Georgia ma għamlet l-ebda progress f'dan il-punt.

1.3. Il-monitoraġġ tat-tendenzi fil-migrazzjoni irregolari, fl-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, fir-ritorni u fir-riammissjoni

Fl-2021, in-numru ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fl-Istati Membri żdied b'69 % meta mqabbel mal-2020, b'14 600 applikazzjoni mressqin fl-2021 u 8 650 fl-2020. Ir-rata ta' rikonoxximent naqset kemxejn minn 4,3 % fl-2020 għal 4,9 % fl-2021.

Fl-2021, kien hemm 30 każ ta' qsim irregolari tal-fruntieri tal-Istati Membri minn ċittadini tal-Georgia, l-istess numru bħal fl-2020. Fl-2021, in-numru ta' ċittadini Georgjani li nstab li kienu qegħdin jgħixu b'mod irregolari fl-Istati Membri żdied bi 28 %, bi 13 000 persuna fl-2021 meta mqabbel ma' 10 165 fl-2020. Bl-istess xejra dejjem tikber, in-numru ta' rifjuti ta' dħul maħruġin li-ċittadini tal-Georgia żdied b'50 % minn 2 065 fl-2020 għal 3 105 fl-2021.

Fl-2021, in-numru ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġin lil ċittadini tal-Georgia naqas bi 13 % (10 595 fl-2021 meta mqabblin ma' 12 120 fl-2020) u hekk ukoll in-numru ta' persuni rimpatrijati (5 495 fl-2021 meta mqabblin ma' 6 330 fl-2020). Madankollu, il-Frontex tirrapporta implimentazzjoni sodisfaċenti tal-Ftehim ta' Riammissjoni tal-UE fl-2021. Diversi Stati Membri jirrapportaw kooperazzjoni tajba mal-Georgia, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu ta' titjiriet ta' ritorn.

2. Kooperazzjoni ġudizzjarja, ordni pubbliku u sigurtà

2.1. Azzjoni meħuda sabiex jiġi żgurat l-issodisfar kontinwu tal-parametri referenzjarji

B'mod ġenerali, l-Istati Membri jirrapportaw kooperazzjoni tajba mal-Georgia fil-qasam tas-sigurtà. Il-Georgia kompliet tikkoopera mal-Europol u mal-Eurojust u kienet involuta f'attivitajiet konġunti ma' diversi Stati Membri. Il-pajjiż kkoopera regolarment mal-uffiċċji tal-UE għall-irkupru tal-assi, u eżegwixxa t-talbiet fil-ħin.

Il-Georgia kompliet tiġġieled il-korruzzjoni: fl-2021, ġew ipproċessati 197 individwu, u 117 ġew ikkundannati, inklużi 7 uffiċjali ta' grad għoli. Sar sforz konsiderevoli sabiex jiġiharrġu prosekuturi u investigaturi finanzjarji speċjalizzati, b'enfasi fuq tekniki ta' traċċar tal-assi u fuq proċeduri ta' ffriżar u ta' konfiska. Fis-16 ta' Marzu 2021, ir-responsabbiltà għall-koordinazzjoni kontra l-korruzzjoni ġiet ittrasferita mill-Ministeru għall-Ġustizzja lill-gvern, bil-Prim Ministru li sar is-superviżur dirett tal-politika kollha. F'April 2021, il-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa (GRECO) ippubblika rapport li kkonferma li l-Georgia kienet fil-biċċa l-kbira implimentat ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni maħruġin fl-2017.

Il-Georgia kompliet tiġġieled il-kriminalità organizzata bħala parti mill-istrateġija nazzjonali tal-2021 sal-2024 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-pjan ta' azzjoni korrispondenti tal-2021 sal-2022. Saru sforzi b'mod partikolari sabiex jiġu miġġielda ċ-ċiberkriminalità, it-traffikar ta' droga u l-iskemi ta' ħasil tal-flus użati mill-kriminalità organizzata; dawk l-attivitajiet kienu jinkludu kooperazzjoni internazzjonali frekwenti. Il-Georgia ffinalizzat l-applikazzjoni tal-istrateġija nazzjonali preċedenti dwar l-użu dannuż tad-droga u l-pjan ta' azzjoni tagħha tal-2021 sal-2022. L-istrateġija l-ġdida tal-2022 sal-2026 u l-pjan ta' azzjoni tal-2022 sal-2023 huma skedati sabiex jiġu adottati fl-2022. L-istrateġija nazzjonali tal-2021 sal-2026 għall-prevenzjoni tal-abbuż tad-droga qiegħda tiġi implimentata bħalissa. L-istrateġija tal-attivitajiet tal-pulizija bbażati fuq l-intelligence għall-2021 sal-2025 ġiet adottata fil-11 ta' Lulju 2021. Il-bini tal-kapaċità sabiex jiġiharrġu speċjalisti addizzjonali fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus kompli fl-2021.

Il-Georgia tipparteċipa b'mod attiv fil-proġett "Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata fir-reġjun tas-Sħubija tal-Lvant" implimentat mill-Europol. Il-kooperazzjoni mas-CEPOL baqgħet intensiva, speċjalment fit-tisħiħ tal-programm ta' skambju: ħafna uffiċjali tas-sigurtà u tal-pulizija tal-Georgia bbenefikaw minn internships f'istituzzjonijiet rilevanti tal-Istati Membri.

Il-Georgia qiegħda timplimenta strateġija nazzjonali u pjan ta' azzjoni dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Il-pajjiż huwa involut fl-isforzi internazzjonali għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u huwa membru attiv tal-Koalizzjoni Globali kontra d-Daesh. Il-Georgia għandha qafas legali komprensiv fis-seħħ sabiex tikkriminalizza l-finanzjament tat-terroriżmu.

Madankollu, in-networks tal-kriminalità organizzata tal-Georgia għadhom fost l-aktar attivi fil-kriminalità organizzata kontra l-proprietà madwar l-UE, inklużi s-serq mid-djar, is-serq ta' vetturi u ta' partijiet tal-vetturi, u s-serq organizzat mill-ħwienet. In-networks kriminali tal-Georgia għadhom involuti wkoll fil-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali mit-Turkija lejn l-UE.

Fit-30 ta' Diċembru 2021, il-Parlament adotta pakkett leġiżlattiv permezz ta' proċedura mgħaġġla li għalqet is-Servizz tal-Ispettur tal-Istat, li kien jibbenefika mill-appoġġ tal-UE. L-Ispettur tal-Istat tneħħa mill-inkarigu mingħajr ma ġiet segwita l-proċedura standard. Dan qajjem tħassib dwar iż-żamma tal-indipendenza tal-awtorità tal-protezzjoni tad-*data* tal-Georgia, li hija punt ta' riferiment taħt il-liberalizzazzjoni tal-viża. Twaqqfu żewġ istituzzjonijiet separati minflok is-Servizz tal-Ispettur tal-Istat u l-kariga tal-Ispettur tal-Istat: is-Servizz ta' Investigazzjoni Speċjali u s-Servizz tal-Protezzjoni tad-*Data* Personali.

2.2. Azzjoni meħuda sabiex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet f'Ir-Raba' Rapport taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża

a) Tittejjeb l-effiċjenza tal-istituzzjonijiet kontra l-korruzzjoni u tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi sabiex jiġu indirizzati aħjar il-każijiet ta' korruzzjoni f'livelli għolja; jiġi żgurat li dawn il-każijiet kollha jiġu investigati.

Fis-16 ta' Marzu 2021, il-koordinazzjoni kontra l-korruzzjoni ġiet ittrasferita mill-Ministeru għall-Ġustizzja lill-uffiċċju amministrattiv tal-gvern (AOG), li jwieġeb direttament lill-Prim Ministru. Fid-9 ta' Ġunju 2021, ġie stabbilit is-Segretarjat Kontra l-Korruzzjoni fi ħdan l-AGO sabiex jeżerċita l-funzjonijiet tas-Segretarjat tal-Kunsill Kontra l-Korruzzjoni, jiżviluppa l-istrateġija l-ġdida kontra l-korruzzjoni u l-pjanijiet ta' azzjoni tiegħu, u jissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom.

Fl-2021, infetħu 218-il investigazzjoni, ġew ipproċessati 197 individwu u ġew ikkundannati 117-il individwu b'rabta mal-korruzzjoni. Mill-prosekuzzjonijiet u l-kundanni li saru fl-2021, ġew ipproċessati 14-il uffiċjal ta' grad għoli, li inkludew id-Deputat Ministru, deputat prosekutur distrettwali, il-kap u d-deputat kap tal-entità legali tal-liġi pubblika, gvernaturi, deputati gvernaturi, viċi sindku u membri tal-kunsilli lokali (fiż-żmien meta twettaq ir-reat), u 7 ġew ikkundannati għall-korruzzjoni. Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar sabiex tiġi indirizzata l-korruzzjoni fil-livelli għolja, b'mod partikolari r-rwol ta' interessi akkwiziiti fuq skala kbira u l-influwenza tagħhom fl-oqsma ekonomiċi u politiċi²⁷.

b) Tiġi ffinalizzata r-riforma tal-Qorti Suprema billi l-proċedura tal-għażla għall-imħallfin tinġieb f'konformità sħiħa mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja u mal-istandards Ewropej; tiġi ffinalizzata r-riforma tal-prosekuzzjoni, inkluża s-separazzjoni tas-setgħa tal-investigaturi u tal-prosekuturi.

²⁷ Ara l-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Georgia għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea, COM(2022) 405 final.

Bejn l-2019 u l-2021, inħatru 28 imħallef għall-Qorti Suprema b'mandat permanenti. Dawn il-ħatriet, li saru qabel ma ġew indirizzati n-nuqqasijiet eżistenti fil-proċess ta' nomina, ma humiex allinjati mar-rakkomandazzjonijiet tal-OSKE/Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa. L-UE kienet esprimiet tħassib ripetut²⁸ dwar din il-proċedura, li kienet timmina l-indipendenza ġudizzjarja u l-fiduċja pubblika fis-sistema tal-ġustizzja tal-Georgia.

Fit-30 ta' Settembru 2020 u fl-1 ta' April 2021, il-Parlament adotta emendi dwar il-proċess tal-għażla tal-imħallfin tal-Qorti Suprema. Madankollu, numru ta' rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja baqgħu mhux indirizzati, u hemm bżonn ta' aktar ħidma sabiex il-proċedura għall-ħatra tal-imħallfin tal-Qorti Suprema tiġi allinjata bis-sħiħ ma' dawk ir-rakkomandazzjonijiet.

It-tieni pagament parzjali ta' EUR 75 miljun tal-assistenza makrofinanzjarja lill-Georgia ġie kkanċellat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha tas-7 ta' Ottubru 2021, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas li tiġi ssodisfata l-kundizzjoni relatata mal-ġudikatura, jiġifieri li jiżdiedu l-indipendenza, ir-responsabbiltà u l-kwalità tas-sistema ġudizzjarja. L-għażla tal-imħallfin tal-Qorti Suprema pproċediet fin-nuqqas tal-bidliet leġiżlattivi meħtieġa sabiex tiġi żgurata konformità sħiħa mar-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kummissjoni ta' Venezja. Il-proċess naqas ukoll milli jggarantixxi t-trattament ugwali tal-kandidati kollha. Barra minn hekk, ma ġewx adottati diversi emendi ulterjuri li għandhom l-għan li jiżidu t-trasparenza tas-sistema ġudizzjarja.

L-emendi li jistabbilixxu separazzjoni ċara bejn prosekutur u s-setgħat ta' investigatur matul investigazzjoni ġew ippreżentati lill-Parlament fl-24 ta' Novembru 2021; il-proċedura leġiżlattiva għadha għaddejja.

a) *Jiġi ffinalizzat l-iżvilupp operazzjonali tal-Unità tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) billi jiġi żgurat li: (i) tkun tista' tikseb kwalunkwe informazzjoni meħtieġa mill-entitajiet relaturi; u (ii) ikollha aċċess sħiħ f'waqtu għall-informazzjoni finanzjarja, amministrattiva u tal-infurzar tal-liġi neċessarja sabiex twettaq il-ħidma tagħha kif suppost.*

Skont l-informazzjoni pprovduta mill-Georgia u kkonfermata mill-aħħar rapport tal-MONEYVAL²⁹, l-iżvilupp operazzjonali tal-UIF ġie ffinalizzat. Madankollu, minħabba nuqqasijiet oħrajn, l-istess rapport jikklassifika l-prestazzjoni ġenerali tal-UIF tal-Georgia bħala konformi parzjalment biss mar-rakkomandazzjonijiet tagħha.

b) *Jitkomplew l-isforzi għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, b'mod partikolari l-ħasil tal-profitti minn attivitajiet illegali.*

Il-Georgia kompliet tiġġieled il-kriminalità organizzata bħala parti mill-istrateġija nazzjonali tagħha f'dan il-qasam u mill-pjanijiet ta' azzjoni korrispondenti tagħha. L-Uffiċċju ta' Kollegament Georgjan fil-Europol jikkoopera mill-qrib mal-iskwadri fiċ-Ċentru Ewropew kontra l-Kriminalità Organizzata u Serja. Il-kooperazzjoni bilaterali ssaħħet ukoll, inkluża azzjoni permezz ta' arranġamenti bilaterali u n-network ta' attachés tal-pulizija għal 11-il Stat Membru, b'enfasi partikolari fuq il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus.

²⁸ https://www.eas.europa.eu/eas/georgia-statement-spokesperson-appointment-supreme-court-judges_en

²⁹ <https://rm.coe.int/moneyval-2020-20-5th-round-mer-georgia/1680a03271>

Fl-2021, il-Prosekutur ta' Kollegament tal-Georgia fil-Eurojust irreġistra 2 każijiet ġodda, filwaqt li 21 każ ġdid ġew irreġistrati mill-membri nazzjonali tal-Eurojust rigward il-Georgia. Dawn il-każijiet huma prinċipalment relatati mal-korruzzjoni, mal-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, mat-truffa u l-frodi, u mal-ħasil tal-flus. Fl-2021, il-Georgia ffirmat ftehim ġdid dwar l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunta f'każ appoġġat mill-Eurojust.

Minkejja l-miżuri msemmin hawn fuq, in-networks kriminali li joriġinaw mill-Georgia, jew b'rabtiet magħha, għadhom attivi fl-UE. L-attivitajiet kriminali tagħhom huma diversi u jinkludu l-kriminalità organizzata kontra l-proprjetà (serq mid-djar, reati konnessi ma' vetturi bil-mutur, serq), il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, u t-traffikar ta' droga (speċjalment it-traffikar tal-eroina)³⁰.

c) Jitkomplew l-isforzi sabiex il-leġislazzjoni nazzjonali tiġi allinjata kompletament mal-acquis tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu.

Fl-2021, il-Georgia għamlet sforz sabiex tallinja aħjar il-leġislazzjoni tagħha dwar il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu ma' dik tal-UE. Dan għamilha possibbli li l-awtoritajiet tal-Georgia jaġixxu fuq l-elenkar tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti malli ġew ippubblikati. Bidla leġislattiva oħra se tawtorizza lill-FMS (UIF tal-Georgia) sabiex tissottometti aktar informazzjoni kunfidenzjali lil aktar istituzzjonijiet nazzjonali (inkluż il-ministeru għall-finanzi) minn qabel għal reati ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu. Il-proċedura leġislattiva għall-approvazzjoni ta' dawn l-emendi għadha għaddejja.

3. Rakkomandazzjonijiet għall-Georgia

B'mod ġenerali, il-Georgia għadha tissodisfa l-parametri referenzjarji tal-liberalizzazzjoni tal-viża u ħadet azzjoni sabiex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi fil-politika dwar il-viżi u fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-kriminalità organizzata. B'mod partikolari, jeħtieġ li jiġu indirizzati aktar l-oqsma li ġejjin.

- a) L-allinjament tal-politika tal-Georgia dwar il-viżi mal-lista tal-UE ta' pajjiżi terzi bir-reqwiżit ta' viża, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji ta' migrazzjoni irregolari jew għas-sigurtà għall-UE.
- b) Ikomplu jiġu indirizzati l-applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi fl-Istati Membri; Jitfasslu kampanji ta' informazzjoni dwar is-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża għal profili ta' migranti rilevanti, inklużi gruppi vulnerabbli, dawk li jibqgħu lil hinn mill-perjodu li għalih ingħataw l-approvazzjoni sabiex jidħlu (soġġorni għal żmien eċċessiv), u dawk li jressqu applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi.
- c) Jiżdiedu l-isforzi sabiex tiġi indirizzata l-korruzzjoni, b'mod partikolari r-rwol ta' interessi vestiti fuq skala kbira u l-influwenza tagħhom fl-oqsma ekonomiċi u politiċi, b'mod partikolari billi jissaħħu l-indipendenza u l-koordinazzjoni tal-istituzzjonijiet kontra l-korruzzjoni kif ukoll billi jiġu pprovduti r-riżorsi neċessarji.
- d) Jiġu ffinalizzati l-isforzi sabiex il-leġislazzjoni nazzjonali tiġi allinjata kompletament mal-acquis tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu.

³⁰ Il-kontributi tal-Istati Membri għall-Valutazzjoni mill-UE tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata tal-2021.

- e) Jissaħħu l-isforzi kontra l-kriminalità organizzata, speċjalment in-networks konnessi mal-operazzjonijiet fl-UE.
- f) Tiġi allinjata bis-sħiħ il-proċedura għall-ħatra tal-imħallfin tal-Qorti Suprema mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja, u tiġi adottata u implimentata leġiżlazzjoni li tevalwa l-integrità u l-prestazzjoni tal-imħallfin tal-Qorti Suprema.
- g) Tiġi żgurata l-indipendenza tal-awtorità għall-protezzjoni tad-data.

VII. Ir-Repubblika tal-Moldova

1. Il-migrazzjoni, l-ażil u r-riammissjoni

Fl-2021, l-Istati Membri rrapportaw kooperazzjoni ġenerali tajba mar-Repubblika tal-Moldova (aktar 'il quddiem, "il-Moldova") dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-fruntieri, inkluża r-riammissjoni. Ġew indikati xi problemi fir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, speċjalment dawk miżżewġin ċittadini tal-Moldova, iżda dawn kienu jikkonċernaw numru limitat ħafna ta' każijiet. Ġie indikat ukoll xi dewmien amministrattiv fit-trattament tat-talbiet ta' riammissjoni mill-Moldova. Erba' Stati Membri (Franza, il-Ġermanja, il-Latvja u l-Litwanja) irrapportaw attivitajiet u proġetti operazzjonali bilaterali mal-pajjiż dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-fruntieri.

Il-Moldova kompliet bl-isforzi sabiex ittejjeb is-sistemi ta' ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni billi investiet fl-infrastruttura, fis-software u fit-taħriġ. Il-pajjiż huwa wkoll benefiċjarju ta' pjan ta' kooperazzjoni bejn il-Frontex u l-Pulizija tal-Fruntiera tal-Moldova. F'Diċembru 2021, il-pjan iġġedded għall-2022 sal-2024.

Il-Missjoni tal-UE ta' Assistenza fil-Fruntiera bejn il-Moldova u l-Ukrajna (EUBAM) orjentat mill-ġdid il-ħidma tagħha immedjatament mill-24 ta' Frar 2022 sabiex tassisti l-ġestjoni ta' persuni spostati mill-Ukrajna. Il-miżuri jinkludu konsulenza dwar is-simplifikazzjoni tal-flussi, l-assistenza lill-migranti vulnerabbli, l-għoti ta' informazzjoni dwar il-proċeduri bażiċi ta' kontroll fuq il-fruntieri li għandhom jiġu segwiti għad-dħul, u l-għoti ta' assistenza fl-iżdoganar tal-merkanzija tal-għajnuna umanitarja. Fit-2 ta' Ġunju, ġie ffirmat Memorandum ta' Qbil ġdid bejn il-Kummissjoni, l-Ukrajna u l-Moldova³¹ li pprova l-possibbiltà li l-EUBAM tuża setgħat eżekuttivi fil-kontroll fuq il-fruntieri jekk tintalab tagħmel dan minn wiehied mill-pajjiżi. L-EUBAM topera f'kooperazzjoni sħiħa mal-persunal tal-Frontex sabiex tkopri l-punti ta' qsim ewlenin.

Fir-rigward tas-sigurtà tad-dokumenti, il-Moldova issa tagħti biss passaporti bijometriċi konformi mal-ICAO. It-tneħħija gradwali tal-passaporti mhux konformi mal-ICAO tlestiet fl-1 ta' Jannar 2021. Il-Moldova kompliet it-taħriġ intensiv għal dak il-persunal li jittratta l-passaporti. Il-kooperazzjoni mal-INTERPOL dwar passaporti mitlufin u misruqin hija regolari u sistematika.

Fl-2021, il-Moldova saret osservatur fin-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni.

1.1. Azzjoni meħuda sabiex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet f'*Ir-Raba' Rapport taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża* dwar il-migrazzjoni

Il-Kummissjoni għamlet ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt f'*Ir-Raba' Rapport taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża*.

³¹ <https://eubam.org/newsroom/the-eu-steps-up-support-to-border-management-on-the-moldova-ukraine-border/>

a) Ikomplu jtfasslu kampanji ta' informazzjoni dwar is-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża għal profili ta' migranti rilevanti, inklużi gruppi vulnerabbli, dawk li jibqgħu lil hinn mill-perjodu li għalih ingħataw l-approvazzjoni sabiex jidħlu (soġġorni għal żmien eċċessiv), u dawk li jressqu applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi.

Is-suġġett ta' vjaġġar mingħajr viża lejn l-UE huwa indirizzat regolarment f'kampanji ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet ġenerali ta' integrazzjoni Ewropea. Azzjoni aktar immirata fl-2021 kienet il-pubblikazzjoni ta' edizzjoni riveduta tal-gwida dwar il-libertà tal-moviment fl-UE għaċ-ċittadini tal-Moldova. Isiru kampanji mfasslin apposta fost il-minoranzi vulnerabbli permezz ta' medjaturi komunitarji.

b) Jiġi żgurat allinjament ulterjuri tal-politika tal-Moldova dwar il-viżi mal-listi tal-UE ta' pajjiżi terzi bir-rewiżit ta' viża, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji ta' migrazzjoni irregolari jew għas-sigurtà għall-UE.

Il-politika tal-Moldova dwar il-viżi ma hijiex allinjata mal-lista ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma soġġetti għal viża għal soġġorni qosra fl-UE. Il-pajjiżi li ġejjin li jinsabu fil-lista tal-UE b'rewiżit ta' viża huma eżentati mill-viża għall-Moldova: l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarużja, Kuba, El Salvador, l-Ekwador, il-Każakistan, il-Kirgistan, ir-Rużja, it-Taġikistan, it-Turkija u l-Użbekistan. Ma kien hemm l-ebda żvilupp sinifikanti fl-2021.

1.2. Il-monitoraġġ tat-tendenzi fil-migrazzjoni irregolari, fl-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, fir-ritorni u fir-riammissjoni

In-numru ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali miċ-ċittadini Moldovani fl-Istati Membri żdied bi 63 % bejn l-2020 u l-2021, b'4 830 applikazzjoni mressqa fl-2020 kontra 7 885 fl-2021. Ir-rata ta' rikonoxximent kienet ta' 1,0 % fl-2021, l-istess bħalma kienet fl-2020.

Fl-2021, it-tentattivi miċ-ċittadini Moldovani sabiex jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE b'mod irregolari baqgħu baxxi ħafna (21) u anqas milli kienu fl-2020 (34). In-numru ta' ċittadini Moldovani li nstab li kienu qegħdin jgħixu b'mod irregolari żdied minn 24 610 fl-2020 għal 42 150 fl-2021 (żieda ta' 71 %). Fl-2021, in-numru ta' ċittadini tal-Moldova li kienu qegħdin jiġu miċħuda d-dħul fl-Istati Membri kien ta' 9 065, li huwa 11 % anqas mill-2020, is-sena li fiha ntlaħaq l-ogħla numru rreġistrat għal din in-nazzjonalità (10 150).

Fl-2021, in-numru ta' ordnijiet ta' ritorn maħruġin lil ċittadini Moldovani żdied bi 17 % (7 935 fl-2021 meta mqabblin ma' 6 765 fl-2020). Madankollu, in-numru ta' ritorni kien 14 % anqas mill-2020 (2 785 fl-2021 meta mqabblin ma' 3 240 fl-2020). Madankollu, l-Istati Membri jirrapportaw kooperazzjoni tajba dwar ir-riammissjoni ta' ċittadini tagħhom stess, u l-Frontex tirrapporta implimentazzjoni mingħajr xkiel tal-operazzjonijiet ta' ritorn.

2. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja, l-ordni pubbliku u s-sigurtà

Fl-2021, il-Moldova kompliet tikkoopera ma' diversi Stati Membri fil-qasam tas-sigurtà.

Il-Moldova kompliet timplimenta l-istrategġija nazzjonali kontra d-droga tal-2020 sal-2027, l-istrategġija dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus/kontra l-finanzjament tat-terroriżmu tal-2020 sal-2025 u l-istrategġija nazzjonali tal-2018 sal-2023 għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra t-traffikar ta' bnedmin. L-istrategġija tal-aħħar għandha l-għan li ttejjeb is-servizzi għall-vittmi tat-traffikar u għall-gruppi vulnerabbli (inklużi l-migranti u l-applikanti għal ażil) u t-taħriġ sistematiku tal-investigaturi, tal-prosekuturi u tal-imħallfin sabiex jitttrattaw każijiet ta' traffikar ta' bnedmin. Madankollu, l-

istrateġija nazzjonali dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata skadiet fl-2019; l-istrateġija l-ġdida u l-pjan ta' azzjoni li jakkumpanja għadhom ma ġewx adottati.

Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni kompliet tiġi eżegwita miċ-Ċentru Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni f'kooperazzjoni mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Kontra l-Korruzzjoni (taqsima speċjalizzata tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali).

Il-Moldova investiet b'mod sostanzjali f'miżuri ta' riforma tal-politika sabiex tiġġieled il-kriminalità organizzata u l-flussi finanzjarji illeċiti. Fl-2021, ġew investigati 18-il grupp tal-kriminalità organizzata u ġew arrestati 44 membru ta' gruppi. Il-Moldova hija meqjusa bħala sieħeb affidabbli fl-isforzi kontra l-kriminalità organizzata, speċjalment fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità (eż. l-investigazzjoni ta' frodi/estorsjoni fil-pagamenti online, l-eliminazzjoni tal-isfruttament sesswali tat-tfal online). Il-gvern u l-Parlament ħejjew sett ta' emendi leġislattivi dwar l-iffriżar, l-irkupru u l-konfiska ta' assi kriminali, sabiex itejbu l-effiċjenza tal-Aġenzija għall-Irkupru tal-Assi Kriminali (subdiviżjoni awtonoma speċjalizzata li topera fiċ-Ċentru Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni mill-2018). Madankollu, il-proċess leġislattiv għadu għaddej.

In-networks kriminali li joriġinaw mill-Moldova, jew b'rabtiet magħha, għadhom attivi fl-UE. L-attivitajiet kriminali tagħhom huma diversi u jinkludu l-kriminalità organizzata kontra l-proprjetà (serq mid-djar, reati konnessi ma' vetturi bil-mutur, serq), il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, il-kriminalità ċiberdipendenti, il-frodi ta' ħlas mhux bi flus kontanti, il-produzzjoni u t-traffikar tat-tabakk illeċitu, u t-traffikar ta' droga³².

Il-Kummissjoni għamlet ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt f'*Ir-Raba' Rapport taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża*.

a) Jiġu adottati strateġija u pjan ta' azzjoni għar-riformi fil-ġustizzja.

L-istrateġija l-ġdida tal-2022 sal-2025 għall-iżgurar tal-indipendenza u tal-integrità tas-settur tal-ġustizzja u l-pjan ta' azzjoni li jakkumpanja għew adottati fis-6 ta' Diċembru 2021.

b) Jiġu adottati emendi kostituzzjonali relatati mal-ġudikatura f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja.

Il-Parlament adotta emendi kostituzzjonali relatati mal-ġudikatura fit-23 ta' Settembru 2021, li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' April 2022. L-emendi jtejb u b'mod sinifikanti l-qafas legali dwar l-indipendenza, ir-responsabbiltà u l-effiċjenza tal-ġudikatura u l-amministrazzjoni ġudizzjarja, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa. B'mod partikolari, l-emendi jġibu l-kompożizzjoni tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet billi jeskludu s-sħubija *ex officio* u jirrevedu l-proċess tal-ħatra tal-membri onorarji tal-Kunsill. Dan isaħħaħ ir-rwol tal-President fil-ħatra tal-imħallfin, hekk kif jirregola l-immunità funzjonali tal-imħallfin fil-livell kostituzzjonali, u jbidel il-proċedura tal-ħatra tal-imħallfin għall-Qorti Suprema tal-Ġustizzja sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' politizzazzjoni.

c) Jiġi żgurat li l-ħatriet ġudizzjarji jitwettqu fi proċess tal-għażla bbażat fuq il-mertu u trasparenti, inklużi ġustifikazzjonijiet motivati sew għall-ħatriet u rifjuti b'referenza għal kriterji ta' kompetenza u ta' integrità.

³² Il-kontributi tal-Istati Membri għall-Valutazzjoni mill-UE tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata tal-2021.

Il-Moldova għandha leġiżlazzjoni komprensiva li tirregola l-ħatriet ġudizzjarji. L-istituzzjonijiet ewlenin involuti fil-proċess tal-għażla ġudizzjarja huma l-Kulleġġ għall-Għażla u għall-Karriera tal-Imħallfin u l-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura. Iċ-Ċentru Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni jwettaq l-iskrutinju tal-kandidati billi jivverifika d-dikjarazzjonijiet tal-assi/tal-interessi kif ukoll iċ-ċertifikati mill-Awtorità Nazzjonali tal-Integrità u billi jikkonsulta l-fedini penali.

It-trasparenza tal-proċess tal-għażla hija żgurata billi jiġu ppubblikati l-avviżi dwar il-ftuħ ta' kompetizzjonijiet, informazzjoni dwar il-kandidati, u r-riżultati tal-kompetizzjonijiet. Madankollu, is-sistema ta' ħatra u ta' promozzjoni tal-imħallfin u tal-prosekuturi wara l-istadju tat-taħriġ inizjali/ta' eżami tal-gradwazzjoni mill-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura u mill-Kunsill Superjuri tal-Prosekuturi ma hijiex trasparenti biżżejjed, u l-kriterji ma humiex ċari.

F'Marzu 2022, ġiet adottata l-liġi dwar l-iskrutinju minn qabel tal-kandidati għall-kunsilli ġudizzjarji u tal-prosekuzzjoni. Il-liġi tipprevedi valutazzjoni tal-integrità ta' membri futuri tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, tal-Kunsill Superjuri tal-Prosekuturi u tal-korpi speċjalizzati tagħhom minn Kumitat ta' Evalwazzjoni magħmul minn tliet membri nazzjonali u minn tliet membri internazzjonali. Din għandha l-għan li żżid l-integrità tal-korpi ta' awtoamministrazzjoni tal-imħallfin u tal-prosekuturi u tagħti spinta lill-fiduċja tal-pubbliku fl-attivitajiet tagħhom u fis-sistema tal-ġustizzja kollha kemm hi. Il-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja ġew implimentati.

d) Tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tas-sistema tad-dikjarazzjoni tal-assi minn atturi ta' livell għoli.

Fis-7 ta' Ottubru 2021, il-Parlament adotta emendi għas-sistema tad-dikjarazzjoni tal-assi billi stabbilixxa l-karatteristiċi li ġejjin: (i) dikjarazzjoni tal-assi skont il-valur tas-suq reali tagħhom; (ii) l-estensjoni tal-ambitu tal-kontrolli fuq in-nies f'każ ta' sospett ġustifikat; u (iii) l-ispetturi tal-integrità jistgħu jitolbu evalwazzjoni indipendenti tal-assi. Fl-2021, l-Awtorità Nazzjonali tal-Integrità kompliet tivverifika d-dikjarazzjonijiet ta' prijorità tal-ministri, tal-membri tal-Parlament, tal-kapijiet tal-aġenziji amministrattivi, tal-maniġment tal-bank nazzjonali, tal-imħallfin u tal-prosekuturi. Il-Fourth Evaluation Round Second Interim Compliance Report tal-GRECO jfaħħar ir-riformi fid-dikjarazzjoni tal-assi iżda javża li l-istrateġija tal-Awtorità Nazzjonali tal-Integrità ma hijiex kompletament effettiva.

e) Tiġi imposta diviżjoni effettiva tas-setgħat bejn l-aġenziji kontra l-korruzzjoni, u jiġi żgurat li l-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni Kontra l-Korruzzjoni jiffoka fuq każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli.

Fl-2021, bdiet il-ħidma fuq l-abbozz ta' emendi għall-Kodiċi Kriminali u għall-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali sabiex jiġu ddelineati s-setgħat tal-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni Kontra l-Korruzzjoni fl-investigazzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli u sabiex jiġi ristrutturat iċ-Ċentru Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni. Id-diskussjonijiet komplew fil-livell tal-aġenziji kompetenti tal-gvern, bil-għan li fl-2022 l-emendi jiġu adottati mill-Parlament.

f) Tiġi adottata leġiżlazzjoni sekondarja li timplimenta l-liġi dwar sanzjonijiet kontra l-ħasil tal-flus.

Ma kien hemm l-ebda żvilupp leġiżlattiv kbir fuq dan il-punt. L-awtoritajiet jipprevedu d-dħul fis-seħħ tal-atti legali rispettivi mhux qabel l-2023.

g) Il-progress fl-investigazzjoni u fil-prosekuzzjoni ta' skemi ewlenin ta' ħasil tal-flus.

L-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni Kontra l-Korruzzjoni kompli jinvestiga każijiet importanti. Eżempju wieheh huwa l-iskema “Laundromat”, li fiha xi banek tal-Moldova u tal-Latvja ttrasferew b’mod illegali fondi Russi evalwati għal USD 22 biljun barra mill-pajjiżi tagħhom. Il-każ qiegħed jiġi investigat f’kooperazzjoni mal-Latvja. Fil-5 ta’ Novembru 2021 inħoloq tim ġdid ta’ investigazzjoni li jinkludi l-prosekuturi tal-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni Kontra l-Korruzzjoni u l-uffiċjali tal-investigazzjoni kriminali taċ-Ċentru Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni. Fl-2021, l-Uffiċċju fetiħ jew kompli 26 investigazzjoni oħra ta’ każijiet importanti.

h) Il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiġi allinjata kompletament mal-acquis tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu.

Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu ġiet trasposta fid-dritt tal-Moldova f’żewġ stadji, fl-2017 u fl-2020. F’Marzu 2021 il-Bank Nazzjonali adotta aktar regoli amministrattivi.

Il-liġi dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu għandha tiġi mmodifikata biss fl-2022. Għandha tinkludi t-traspożizzjoni tal-ħames Direttiva kontra l-ħasil tal-flus, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-2018 dwar il-Kontroll tal-Flus, ir-rakkomandazzjonijiet tal-MONEYVAL u emendi neċessarji oħrajn speċifiċi għall-Moldova

i) Jissaħħu l-isforzi kontra l-frodi bankarja billi tiġi aġġornata l-istrateġija għall-irkupru tal-assi kriminali u jiġi stabbilit mekkaniżmu ġdid għall-irkupru tal-assi.

Fit-18 ta’ Mejju 2021, l-istrateġija għall-irkupru tal-assi ġiet issostitwita minn mekkaniżmu ġdid għall-irkupru tal-assi approvat b’ordni konġunta tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali, iċ-Ċentru Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni, is-Servizz Fiskali tal-Istat u s-Servizz għall-Prevenzjoni u għall-Ġlieda Kontra l-ħasil tal-Flus. L-Aġenzija għall-Irkupru tal-Assi Kriminali, flimkien mal-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn, bħalissa qiegħda taħdem fuq l-abbozz tal-Programm Nazzjonali dwar l-Irkupru tal-Assi, li għandu jiġi adottat mill-Parlament fl-2022.

j) Tiġi ffinalizzata l-investigazzjoni dwar il-frodi bankarja tal-2014 sabiex daww responsabbli jittressqu quddiem il-ġustizzja u jiġu rkuprati l-fondi miżapproprjati.

L-investigazzjoni dwar il-frodi bankarja tal-2014 kompliet fl-2021. Sitt kawżi kriminali ġodda marbutin mal-frodi ġew ippreżentati quddiem il-qorti mill-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni Kontra l-Korruzzjoni. L-assi maqbudin f’daww is-sitt kawżi ammontaw għal total ta’ EUR 2 288 718. EUR 1 400 000 oħrajn ġew irkuprati permezz ta’ kooperazzjoni legali internazzjonali. Sa mill-bidu tal-investigazzjoni, il-valur totali tal-fondi rkuprati huwa ta’ EUR 367 115 731. Raġuni waħda għall-adozzjoni tal-mekkaniżmu ta’ rkupru tal-assi msemmi hawn fuq f’Mejju 2021 kienet sabiex jitħaffef ir-ritorn tal-fondi misruqin f’din il-frodi bankarja lill-Istat tal-Moldova.

3. Rakkomandazzjonijiet għall-Moldova

Il-Moldova ħadet azzjoni sabiex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi fil-politika dwar il-viżi, fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-kriminalità organizzata. B’mod partikolari, jeħtieġ li jiġu indirizzati aktar l-oqsma li ġejjin,

- a) L-allinjament tal-politika tal-Moldova dwar il-viżi mal-lista tal-UE ta’ pajjiżi terzi bir-rekwiżit ta’ viża, b’mod partikolari fir-rigward ta’ daww il-pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji ta’ migrazzjoni irregolari jew għas-sigurtà għall-UE.

- b) Ikomplu jitfasslu kampanji ta' informazzjoni dwar is-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża għal profili ta' migranti rilevanti, inklużi gruppi vulnerabbli, dawk li jibqgħu lil hinn mill-perjodu li għalih ingħataw l-approvazzjoni sabiex jidħlu (soġġorni għal żmien eċċessiv), u dawk li jressqu applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi.
- c) Jiġu sseparati b'mod ċar is-setgħat u tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn il-korpi kontra l-korruzzjoni li jinvestigaw każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli.
- d) Jitlesta l-allinjament mal-leġiżlazzjoni tal-UE kontra l-ħasil tal-flus, tiġi adottata leġiżlazzjoni sekondarja li timplimenta l-liġi dwar sanzjonijiet kontra l-ħasil tal-flus, u jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-MONEYVAL.
- e) Jiżdiedu l-isforzi kontra l-kriminalità organizzata, inklużi ċerti networks ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin u ta' oġġetti fl-UE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet tal-UE, mal-Istati Membri u mas-sħab internazzjonali.
- f) Jissaħħu l-isforzi għall-ġlieda kontra l-frodi bankarja billi tiġi adottata l-istrateġija nazzjonali għall-irkupru tal-assi kriminali u jiġi stabbilit mekkaniżmu effiċjenti għall-iffriżar, għall-qbid, għall-konfiska u għall-kapitalizzazzjoni tal-assi kriminali.

VIII. L-Ukrajna

Peress li l-ambitu ta' dan ir-rapport ikopri sa tmiem l-2021, din it-taqsimha tirrifletti l-aktar is-sitwazzjoni ta' qabel il-bidu tal-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022.

L-aggressjoni tar-Russja wasslet għal influss ta' miljuni ta' persuni li qegħdin ifittxu rifuġju fl-UE u fil-pajjiżi ġirien. Wara proposta tal-Kummissjoni sabiex għall-ewwel darba tiġi attivata d-direttiva dwar il-protezzjoni temporanja³³, fl-4 ta' Marzu 2022 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 li tat status ta' protezzjoni temporanja liċ-ċittadini tal-Ukrajna (u kategoriji oħrajn ta' persuni) spostati mill-Ukrajna fl-24 ta' Frar 2022 jew wara. Barra minn hekk, il-Kummissjoni adottat linji gwida operazzjonali għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni sabiex tiffaċilita l-qsim tal-fruntieri bejn l-UE u l-Ukrajna³⁴. Kważi 8,9 miljun ċittadin tal-Ukrajna daħlu fl-UE bejn l-24 ta' Frar u l-5 ta' Settembru.

F'dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, is-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża bejn l-UE u l-Ukrajna ppermetta li jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar lejn u mill-Ukrajna, b'mod partikolari għal dawk iċ-ċittadini tal-Ukrajna li ddeċidew li ma jidhux residenza fl-UE jew li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva dwar il-protezzjoni temporanja.

Minkejja s-sitwazzjoni mibdula drastikament, il-Kummissjoni tqis li jibqa' rilevanti li jitkompla l-monitoraġġ tar-rispett tal-parametri referenzjarji tal-liberalizzazzjoni tal-viża mill-Ukrajna, u se tkompli tappoġġa lill-awtoritajiet tal-Ukrajna sabiex jimplimentaw ir-riformi tal-pajjiż li huma neċessarji għall-ilħuq kontinwu tal-parametri referenzjarji.

1. Il-migrazzjoni, l-ażil u r-riammissjoni

³³ Id-Direttiva 2001/55/KE.

³⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Li tipprovdi linji gwida operazzjonali għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni biex jiġi ffaċilitat il-qsim tal-fruntieri fil-fruntieri bejn l-UE u l-Ukrajna" (2022/C 104 I/01).

1.1 Azzjoni meħuda sabiex jiġi żgurat l-issodisfar kontinwu tal-parametri referenzjarji tal-liberalizzazzjoni tal-viża

Fl-2021, l-Istati Membri kkonfermaw kooperazzjoni tajba u kontinwa mal-Ukrajna dwar ir-ritorn u r-riammissjoni u oqsma oħrajn tal-migrazzjoni, b'mod partikolari mal-Belġju, mal-Ġermanja, mal-Estonja, mal-Latvja, mal-Litwanja, u mal-Polonja. L-Ukrajna kompliet taħdem ma' ħafna Stati Membri sabiex tfassal u tadotta protokolli ta' implimentazzjoni dwar ir-riammissjoni. Il-pajjiż kompli wkoll bl-isforzi tiegħu sabiex inaqqas in-numru ta' applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi ppreżentati miċ-ċittadini tiegħu fl-UE billi wettaq numru ta' kampanji ta' informazzjoni dwar id-drittijiet tal-applikanti għal ażil.

L-Ukrajna kompliet timplimenta l-istrateġija integrata tal-ġestjoni tal-fruntieri tal-2019 sal-2025 u l-pjan ta' azzjoni korrispondenti, kif ukoll l-istrateġija tal-politika dwar il-migrazzjoni tal-2018 sal-2021 u l-pjan ta' azzjoni tagħha. Il-ħidma fuq il-pjan ta' azzjoni l-ġdid għal wara l-2022 bdiet bil-parteċipazzjoni tal-esperti tal-proġett EU4IBM.

Fl-2021, kien hemm sforz konsiderevoli sabiex tittejjeb l-effiċjenza tas-sistemi tal-IT li jappoġġaw il-kontrolli fuq il-fruntieri u tal-immigrazzjoni, inkluża l-kontinwazzjoni tal-proġett tal-IOM iffinanzjat mill-UE "Appoġġ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-ażil fl-Ukrajna" (IMMIS).

Twettqet analiżi konġunta tat-theddid għas-sigurtà tal-fruntiera mas-Slovakkja, mal-Polonja, mal-Ungerija, mar-Rumanija u mal-Moldova. Barra minn hekk, saret valutazzjoni trilaterali konġunta tat-theddid għas-sigurtà tal-fruntiera tal-Istat mal-Polonja u mal-Belarussja. Barra minn hekk, kompli jiġi żviluppat rapport konġunt tas-sitwazzjoni tal-pulizija tal-fruntiera bejn l-Ukrajna u l-Ġermanja.

Fl-2021, il-ħidma fil-qasam tal-ażil ġiet imfixkla b'mod konsiderevoli mill-pandemija tal-COVID-19. Il-ħtieġa li jiġu infurzati r-regoli dwar it-tbeġhid soċjali tpoġġi lill-applikanti għal ażil u lill-persunal fiċ-ċentri tal-ażil u f'faċilitajiet ta' żamma temporanja taħt stress konsiderevoli. Sar investiment konsiderevoli (inkluż f'aktar installazzjonijiet mediċi, kmamar ta' iżolament u fis-sikurezza kontra n-nirien) sabiex il-faċilitajiet temporanji ta' żamma u faċilitajiet oħrajn ikunu jistgħu jilhqnu r-rekwiżiti partikolari dwar is-saħħa u s-sikurezza.

L-Ukrajna ilha toħroġ passaporti bijometriċi mill-2015. L-aħħar passaporti mhux bijometriċi nħarġu fl-2016 u l-eliminazzjoni gradwali sħiħa tagħhom hija ppjanata għall-2026, meta jiskadu.

1.2 Azzjoni meħuda sabiex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet dwar il-migrazzjoni f'*Ir-Raba' Rapport taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża*

a) Ikompli l-isforzi sabiex jitnaqqas in-numru ta' ċittadini tal-Ukrajna li jgħixu b'mod irregolari fl-Istati Membri u li jressqu applikazzjonijiet għal ażil mhux ġustifikati.

L-isforzi tal-awtoritajiet tal-Ukrajna jiffokaw fuq l-informazzjoni liċ-ċittadini dwar ir-regoli tal-ivvjaġġar mingħajr viża. Minbarra li tkun disponibbli fuq is-siti web, l-informazzjoni tingħata wkoll f'kampanji mfasslin speċifikament (ara r-rakkomandazzjoni (c) ta' hawn taħt) jew kampanji ġenerali dwar l-integrazzjoni Ewropea (eż. EUKraina), li jinkludu kapitli dwar l-ivvjaġġar mingħajr viża.

Qabel l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, l-awtoritajiet tal-Ukrajna kienu jikkomunikaw b'mod proattiv mal-Kummissjoni billi jitolbu l-aħjar prattiki u/jew miżuri konkreti li jistgħu jittieħdu sabiex jitnaqqas in-numru ta' applikazzjonijiet għall-ażil mhux ġustifikati. Fil-kuntest kurrenti, l-Ukrajna qiegħda tikkoopera mill-qrib mal-UE u mal-Istati Membri sabiex tinforma lill-Ukrajna dwar id-drittijiet u l-obbligi marbutin mar-reġim ta' protezzjoni temporanja.

b) Tiġi eliminata l-possibbiltà li ċ-ċittadini tal-Ukrajna jkollhom aktar minn passaport validu wieħed fl-istess ħin; jitwaqqaf il-ħruġ ta' dawn il-passaporti "addizzjonali" u tiġi kkanċellata l-validità ta' dawk li nħarġu.

L-Ukrajna indirizzat b'mod proattiv lill-Kummissjoni u lill-Polonja sabiex jiddiskutu soluzzjonijiet possibbli. Fi tmiem l-2021 u fil-bidu tal-2022, kien hemm konsultazzjonijiet mill-Ukrajna mal-UE u mal-Polonja dwar l-aspetti tekniċi ta' din il-kwistjoni. Dawn il-konsultazzjonijiet ġew affettwati mill-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna iżda komplew bejn l-Ukrajna u l-Polonja, inkluż dwar soluzzjonijiet prattiċi fil-kuntest tal-gwerra. Madankollu, xi aspetti ġew spjegati b'mod reċiproku, speċjalment il-ħruġ ta' aktar minn passaport wieħed. Għal ħafna raġunijiet, din il-prattika hija komuni, anke fl-Istati Membri, u ma għandhiex għalfejn tinbidel. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tal-pajjiż diġà jiżguraw li kull ċittadin tal-Ukrajna jkollu numru ta' identifikazzjoni personali uniku, li qatt ma jinbidel u jidher fuq kull dokument ta' identifikazzjoni, inklużi l-passaporti.

c) Jitfasslu kampanji ta' informazzjoni dwar is-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża għal profili ta' migranti rilevanti, inklużi gruppi vulnerabbli, dawk li jibqgħu lil hinn mill-perjodu li għalih ingħataw l-approvazzjoni sabiex jidħlu (soġġorni għal żmien eċċessiv), u dawk li jressqu applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi.

L-awtoritajiet tal-Ukrajna wettqu kampanji ta' informazzjoni regolari dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet ta' ċittadini tagħha meta jivvjaġġaw fil-pajjiżi tal-UE. Dan kien jinkludi l-kampanji "Migrazzjoni Sikura" u "Xogħol Sikur", b'tal-aħħar iddedikata għall-prevenzjoni tat-traffikar ta' bnedmin u tal-isfruttament tal-migranti.

d) Jiġi żgurat allinjament ulterjuri tal-politika tal-Ukrajna dwar il-viżi mal-lista tal-UE ta' pajjiżi terzi bir-rekwiżit ta' viża, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji ta' migrazzjoni irregolari jew għas-sigurtà għall-UE.

Il-politika tal-Ukrajna dwar il-viżi ma hijiex allinjata mal-lista ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma soġġetti għal viża għal soġġorni qosra fl-UE. Il-pajjiżi li ġejjin li jinsabu fil-lista tal-UE b'rekwiżit ta' viża huma eżentati mill-viża għall-Ukrajna: l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Bahrain, il-Belarusja, l-Ekwador, il-Każakistan, il-Kuwajt, il-Kirgistan, il-Mongolja, l-Oman, il-Qatar, l-Arabja Sawdija, it-Taġikistan, it-Turkija u l-Użbekistan. Ma kien hemm l-ebda żvilupp sinifikanti fl-2021.

1.3. Il-monitoraġġ tat-tendenzi fil-migrazzjoni irregolari, fl-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, fir-ritorni u fir-riammissjoni

Fl-2021, in-numru ta' applikanti Ukreni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Istati Membri kien ta' 6 460, 8 % aktar milli fl-2020 (5 990). Ir-rata ta' rikonossiment żdiedet minn 11,2 % fl-2020 għal 17,1 % fl-2021.

In-numru ta' ċittadini tal-Ukrajna li qasmu l-fruntiera tal-UE b'mod irregolari fl-2021 kien żgħir (113 fl-2021, 87 fl-2020 u 93 fl-2019). Fl-2021, 36 670 ċittadin Ukren instabu li kienu qegħdin jgħixu b'mod irregolari fl-UE (50 415 fl-2020, tnaqqis ta' 27 %). In-numru ta' rifjuti ta' dħul għaċ-ċittadini Ukreni naqas bi 11 %, minn 56 370 fl-2020 għal 50 220 fl-2021.

Fl-2021, in-numru ta' ordnijiet ta' ritorn maħruġin lil ċittadini Ukreni naqas bi 17 % (17 820 fl-2021 meta mqabblin ma' 21 540 fl-2020). In-numru ta' ritorni kien 21 % anqas mill-2020 (9 590 fl-2021 meta mqabblin ma' 12 145 fl-2020).

2. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja, l-ordni pubbliku u s-sigurtà

2.1. Azzjoni meħuda sabiex jiġi żgurat l-issodisfar kontinwu tal-parametri referenzjarji

L-Istati Membri rrapportaw kooperazzjoni ġenerali tajba mal-Ukrajna fil-qasam tas-sigurtà. Fl-2021, l-Ukrajna kompliet tikkooopera mal-Europol u mal-Eurojust u kienet involuta f'attivitajiet konġunti ma' diversi Stati Membri. L-Ukrajna tagħti aċċess għall-biċċa l-kbira tal-bażijiet tad-*data* tagħha lill-Europol. Fil-21 ta' Ottubru 2021, il-Parlament adotta l-liġi li rratifikat il-Memorandum ta' Qbil bejn l-Ukrajna u l-Europol dwar il-kunfidenzjalità u li tiżgura s-sikurezza tal-informazzjoni, li se tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni kunfidenzjali. Il-kooperazzjoni mal-Eurojust kompliet permezz tar-rappreżentant tal-Ukrajna fl-aġenzija tal-UE.

Fl-2021, il-Prosekutur ta' Kollegament tal-Ukrajna fil-Eurojust irreġistra 23 każ ġdid, filwaqt li 58 każ ġdid ġew irreġistrati mill-Membri Nazzjonali tal-Eurojust rigward l-Ukrajna. Dawn il-każijiet huma relatati prinċipalment mat-truffa u l-frodi, mal-ħasil tal-flus u mal-korruzzjoni. Fl-2021, l-Ukrajna ffirmat sitt ftehimiet ġodda dwar l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunta f'każijiet appoġġati mill-Eurojust.

L-Ukrajna qiegħda twestaq l-istrategġija tagħha għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, li ġiet adottata f'Settembru 2020. F'Novembru 2021 ġie abbozzat pjan ta' azzjoni sabiex l-istrategġija tiġi implimentata ulterjorment iżda dan ma setax jiġi adottat qabel il-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Mill-2020, id-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Strateġiċi tal-Pulizija Nazzjonali tal-Ukrajna ħa r-rwol ewlieni fil-koordinazzjoni tal-isforzi kontra l-kriminalità organizzata. Fl-2021, l-investigazzjonijiet tal-pulizija għamluha possibbli li jiġu pproċessati 428 grupp organizzat u 41 organizzazzjoni kriminali akbar. Il-Bureau tal-Istat ta' Investigazzjoni kisser 21 grupp/organizzazzjoni oħra u ħa passi legali kontra 143 membru tagħhom.

Il-ġlieda kontra l-produzzjoni u t-traffikar ta' drogi illegali kompliet; il-liġijiet dwar id-drogi narkotiċi, is-sustanzi psikotropiċi u l-prekursuri ġew emendati f'April 2021. Sar sforz kbir sabiex jiġi miġġieled it-traffikar ta' armi illegali; fl-2021, diversi aġenziji tal-pulizija u tas-sigurtà qabdu 3 098 arma tan-nar, 3 236 granata u 201 lanċatur tal-granati tat-tipi kollha.

Fir-rigward tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, inġhatat prijetà sabiex jiġu indirizzati inċidenti relatati mal-kunflitt armat fiż-żoni ta' Donetsk u ta' Luhansk. L-Ukrajna pparteċipat ukoll fil-proġett DARIF (il-Forum tad-Danubju), li jipproteġi l-infrastruttura kritika tat-trasport fuq id-Danubju u fuq iż-żona tal-viceinat tagħha mit-terroriżmu u mill-kriminalità organizzata.

Fl-2021, l-Ukrajna kompliet tiġġieled l-organizzazzjonijiet estremisti terroristiċi u vjolenti internazzjonali mill-Afrika ta' Fuq, mil-Lvant Nofsani, mill-Asja Ċentrali u tax-Xlokk (inklużi l-Istat Iżlamiku u Al Qaeda). B'riżultat ta' dan, 601 barrani suspettati li kienu involuti f'attivitajiet ta' organizzazzjonijiet terroristiċi internazzjonali ġew ipprojbati milli jidħlu fl-Ukrajna, 27 ġew detenuti u 101 ġew irritornati bil-forza lejn il-pajjiżi ta' oriġini tagħhom.

Minkejja l-isforzi tal-awtoritajiet, in-networks kriminali li joriġinaw mill-Ukrajna, jew b'rabtiet magħha, għadhom attivi fl-UE. L-attivitajiet kriminali tagħhom huma diversi u jinkludu l-kriminalità organizzata kontra l-proprietà (serq mid-djar, reati konnessi ma' vetturi bil-mutur, serq), il-

faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, il-kriminalità ċiberdipendenti, il-frodi ta' h̄las mhux bi flus kontanti, il-produzzjoni u t-traffikar tat-tabakk illeċitu, u t-traffikar ta' droga (speċjalment it-traffikar tal-kokaina u tal-eroina)³⁵.

Dwar il-ħasil tal-flus, l-Ukrajna dehret li kienet destinazzjoni għat-trasferiment ta' fondi illeċiti u oriġini ta' fondi illeċiti mibgħuta lil pajjiżi oħrajn.

2.2 Azzjoni meħuda sabiex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet f'*Ir-Raba' Rapport taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża*.

a) *Tittejjeb l-effiċjenza tal-istituzzjonijiet kontra l-korruzzjoni u tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi billi jiġu ffokati l-isforzi kontra l-korruzzjoni fuq każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli u fuq każijiet ta' manipulazzjoni tal-Istat.*

Fl-2021, sar xi progress fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni ta' livell għoli, b'numru akbar ta' kundanni. L-Ukrajna rrapportat li l-Qorti Għolja Kontra l-Korruzzjoni (HACC) ħarġet 72 sentenza fl-2021. Xi wħud mill-verdetti kienu jikkonċernaw individwi li jokkupaw jew kienu okkupaw karigi ta' livell għoli f'amministrazzjonijiet nazzjonali jew lokali, fil-ġudikatura, fil-forzi armati, u fil-politika. Fl-1 ta' Ġunju 2021, ġiet adottata l-Liġi Nru 1498-IX li ppermettiet il-varar ta' sistema awtonoma ta' ġestjoni tal-każijiet elettroniċi għall-Uffiċċju Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni tal-Ukrajna (NABU), għall-Uffiċċju Speċjalizzat tal-Prosekutur Kontra l-Korruzzjoni (SAPO) u għall-HACC. Il-liġi għandha l-għan li ssaħħaħ it-trasparenza, l-effettività u l-effiċjenza tal-investigazzjonijiet kriminali f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli.

L-Ukrajna introduċiet mill-ġdid ukoll ir-responsabbiltà kriminali għal dikjarazzjonijiet foloz u rrestawrat is-setgħat ewlenin ta' prevenzjoni tal-korruzzjoni tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni (NACP) f'Ġunju 2021, li l-Qorti Kostituzzjonali kienet iddikjarat mhux kostituzzjonali f'Ottubru 2020. Instab kompromess għar-reġim dwar is-sanzjonijiet applikabbli, u issa n-nuqqas ta' dikjarazzjoni tal-assi jista' jwassal għal sena ħabs.

b) *Tiġi adottata l-leġiżlazzjoni neċessarja dwar l-NABU li tneħħi l-inċertezza legali tal-istatus tiegħu.*

Fl-10 ta' Novembru 2021, daħlet fis-seħħ il-Liġi Nru 1810-IX li temenda l-liġi dwar l-NABU. L-emendi inkludew l-istatus tal-NABU u jikkonfermawh bħala korp eżekuttiv ċentrali bi status speċjali. L-istatus speċjali tal-NABU jipproteġih, b'mod partikolari, minn riorganizzazzjoni mingħajr ma tiġi emendata l-liġi u jagħti protezzjoni aħjar lill-impjegati tiegħu. L-istatus jinkludi wkoll proċedura għall-interazzjoni mal-gvern. Dan jipprevjeni *a priori* lill-gvern milli jinterferixxi fil-mod kif jopera l-NABU. Id-Direttur tal-NABU għandu kontroll sħiħ fuq l-istruttura tas-servizz, tar-reklutaġġ u tad-deskrizzjonijiet tal-impjegati.

c) *Titwettaq għażla trasparenti, depolitiċizzata u bbażata fuq il-mertu tal-kapijiet tal-NABU, tal-SAPO, tal-Aġenzija għall-Irkupru u għall-Ġestjoni tal-Assi (ARMA) u tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, kif ukoll tal-prosekuturi fil-livell maniġerjali, bl-użu ta' proċeduri u ta' kriterji tal-għażla adegwati, inkluż kontrolli kredibbli tal-integrità.*

³⁵ Il-kontributi tal-Istati Membri għall-Valutazzjoni mill-UE tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata tal-2021.

L-emendi għal-Liġi dwar l-NABU msemminjati hawn fuq jistipulaw kummissjoni għall-għażla tad-Direttur tal-NABU magħmul minn sitt persuni, tlieta maħturin mill-gvern u tlieta maħturin fuq il-bażi ta' proposti minn organizzazzjonijiet internazzjonali u barranin. Madankollu, il-proċess tal-għażla tal-NABU ma ġiex iffinalizzat u ma setax jipproċedi aktar. Kap ġdid tal-SAPO inħatar biss fit-28 ta' Lulju 2022, wara proċess ta' għażla li dam kważi sentejn.

Fl-1 ta' Settembru 2021, il-korp awtonomu tal-prosekuturi – il-Kunsill tal-Prosekuturi tal-Ukrajna – kompli bil-ħidma tiegħu, filwaqt li ħa f'idejha il-kompiti li qabel kienu jaqgħu taħt il-kummissjoni msemminja hawn fuq. Madankollu, għall-kuntrarju tal-kummissjoni, il-proċeduri tal-Kunsill huma neqsin mit-trasparenza, mill-meritokrazzja u mill-kontrolli fuq l-integrità.

Fir-rigward tal-għażla tal-kap tal-ARMA, fl-4 ta' Awwissu 2021 inħatar kap temporanju. Il-kompetizzjoni għall-għażla tal-kap il-ġdid bdiet, iżda l-proċess ma ġiex iffinalizzat.

d) Tittiejeb il-leġiżlazzjoni dwar l-ARMA relatata mal-ġestjoni tal-assi maqbudin u tiġi adottata strateġija nazzjonali dwar l-irkupru tal-assi.

Fl-2021, il-Parlament beda jeżamina abbozzi ta' emendi għal ħames liġijiet differenti li jaffettwaw il-ħidma tal-ARMA, iżda l-ebda wieħed minnhom ma ġie adottat. Il-gvern ipproduċa tliet abbozzi ta' rizzoluzzjonijiet differenti dwar l-istess suġġett, iżda għal darb'oħra ma ġie adottat l-ebda wieħed. Barra minn hekk, ġiet żviluppata l-istrateġija ta' rkupru tal-assi tal-2022 sal-2024, iżda ma ġietx adottata u teħtieġ aktar revizzjonijiet.

e) Jinħolqu kundizzjonijiet għall-NABU u għal aġenziji eliġibbli oħrajn sabiex titwettaq l-interċezzjoni awtonoma tal-komunikazzjoni.

Il-Liġi Nru 187-IX, adottata fl-4 ta' Ottubru 2019 tagħti lill-NABU l-possibbiltà li jiġbor informazzjoni b'mod awtonomu min-networks tat-telekomunikazzjoni. Madankollu, l-NABU xorta ma jistax iwettaq dawn l-operazzjonijiet minħabba n-nuqqas ta' kapaċità teknika u l-leġiżlazzjoni sekondarja neċessarja, inkluż ftehim bejn l-aġenziji mas-Servizz tas-Sigurtà tal-Ukrajna.

f) Tittiejeb l-effettività tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-ħasil tal-flus billi: (i) l-attivitajiet tal-pulizija bbażati fuq l-intelligence jsiru parti mill-istrateġija nazzjonali dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata; (ii) jiġu ċċarati u sseparati s-setgħat tal-aġenziji kollha tal-infurzar tal-liġi u jittieħdu miżuri sabiex jiġi żgurat li l-NABU, l-SAPO u l-HACC ikollhom setgħat esklużivi sabiex jinvestigaw, jipprosegwixxu u jiddeċiedu każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli; (iii) jtkomplew l-isforzi sabiex il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiġi allinjata kompletament mal-acquis tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, u tissaħħaħ l-implimentazzjoni tagħha.

L-attivitajiet tal-pulizija bbażati fuq l-intelligence tqiesu bħala prijorità mill-awtoritajiet tal-Ukrajna. Ittieħdu miżuri sabiex il-metodoloġija tal-valutazzjoni tat-theddid mill-kriminalità serja u organizzata (SOCTA) żviluppata mill-Europol tiġi introdotta fl-attivitajiet tal-pulizija tal-Ukrajna. L-Ukrajna xtrat is-software meħtieġ, u, fi Frar 2021, bdiet tħarreġ l-analisti sabiex jużaw daww il-għodod il-ġodda. Fis-26 ta' Jannar 2022, il-gvern ta l-approvazzjoni finali tiegħu għall-adozzjoni tal-metodoloġija tal-SOCTA.

3. Rakkomandazzjonijiet għall-Ukrajna

B'mod ġenerali, l-Ukrajna għadha tissodisfa l-parametri referenzjarji tal-liberalizzazzjoni tal-viża u ħadet azzjoni sabiex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni. Madankollu,

hemm bżonn ta' aktar progress, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Mill-bidu tal-aggressjoni militari Russa mhux provokata u mhux ġustifikata kontra l-Ukrajna, il-Kummissjoni appoġġat it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-amministrazzjoni pubblika tal-Ukrajna, u l-Ukrajna nġatat status ta' pajjiż kandidat tal-UE f'Ġunju 2022. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-awtoritajiet tal-Ukrajna, inkluż fir-riformi tal-pajjiż li huma neċessarji għat-twettiq kontinwu tar-rekwiżiti tagħha tal-liberalizzazzjoni tal-viża. B'kunsiderazzjoni ta' dan, l-Ukrajna jeħtieġ li tkompli tindirizza l-kwistjonijiet li ġejjin.

- a) L-allinjament tal-politika tal-Ukrajna dwar il-viżi mal-lista tal-UE ta' pajjiżi terzi bir-rekwiżit ta' viża, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji ta' migrazzjoni irregolari jew għas-sigurtà għall-UE.
- b) Jitkomplew l-isforzi sabiex tittejjeb l-effiċjenza tal-istituzzjonijiet kontra l-korruzzjoni u tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, inkluż billi l-NABU jitħalla jwettaq interċezzjoni awtonoma.
- c) Jiġu ffinalizzati b'mod urġenti l-kompetizzjonijiet li għaddejjin għall-karigi ta' tmexxija tal-NABU u tal-ARMA.
- d) Jittieħdu passi ulterjuri sabiex tittejjeb il-leġiżlazzjoni kontra l-korruzzjoni bil-għan li jissaħħu l-indipendenza u l-proċeduri istituzzjonali, b'mod partikolari billi: (i) jiġu emendati l-proċeduri għall-għażla tal-uffiċjali tal-SAPO, filwaqt li jiġi stabbilit rwol kruċjali għall-esperti indipendenti b'esperjenza internazzjonali fil-proċessi tal-għażla; u (ii) tiġi emendata l-leġiżlazzjoni dwar l-ARMA fuq il-ġestjoni tal-assi maqbudin u tiġi adottata strateġija nazzjonali dwar l-irkupru tal-assi.
- e) Tittejjeb il-proċedura tal-għażla għall-eżekuttivi superjuri fl-uffiċċju tal-prosekutur billi ssir aktar trasparenti, ġusta u bbażata fuq il-mertu u billi jiġi inkluż kontroll bir-reqqa tal-integrità tal-kandidati, fuq il-bażi tal-karatteristiċi pożittivi mill-proċedura temporanja li kienet tapplika sa Settembru 2021.
- f) Jittieħdu passi ulterjuri sabiex tittejjeb il-konformità tal-Ukrajna mal-Istandards tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet tas-sigurtà imposti mil-liġi marzjali, b'mod partikolari dawk fuq l-assi virtwali, fuq is-sjeda benefiċjarja aħharja, u fuq is-superviżjoni ta' negozji u ta' professjonijiet mhux finanzjarji ddeżinjati.

Meta tivvaluta l-progress fl-oqsma msemmijin hawn fuq fir-rapport li jmiss, il-Kummissjoni se tqis il-konsegwenzi tal-aggressjoni militari Russa li għaddejja kontra l-Ukrajna u l-impatt tagħha fuq il-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika tal-Ukrajna.

Konklużjonijiet

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-pajjiżi vvalutati kollha ħadu azzjonijiet sabiex jindirizzaw għadd ta' rakkomandazzjonijiet li saru f'*Ir-Raba' Rapport taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża*. Fir-rigward tal-pajjiżi li ċ-ċittadini tagħhom kisbu l-eżenzjoni mir-rekwiżit ta' viża anqas minn seba' snin ilu, u li għalihom ir-rapportar dwar l-issodisfar tal-parametri referenzjarji dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża għadu neċessarju, il-Kummissjoni tikkunsidra li r-rekwiżiti dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża għadhom jiġu ssodisfati. Madankollu, il-pajjiżi kollha jeħtieġ li jieħdu azzjoni ulterjuri sabiex jiżguraw l-issodisfar kontinwu tal-parametri referenzjarji u sabiex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni.

Fl-2021, it-tmien tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar tal-COVID-19 kellu impatt fuq ix-xejriet fil-migrazzjoni irregolari, fl-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, fir-ritorni u fir-riammissjoni. Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi rreġistraw żieda f'dawn ix-xejriet meta mqabblin mal-2020. Madankollu, b'mod ġenerali, l-Istati Membri u l-Frontex għadhom jirrapportaw kooperazzjoni tajba mat-tmien pajjiżi kollha dwar il-ġestjoni tal-fruntieri, l-ażil, ir-ritorn u r-riammissjoni.

F'termini ta' azzjoni ulterjuri li għandha tittieħed dwar il-migrazzjoni, l-ażil u r-riammissjoni, diversi pajjiżi jeħtieġ li jkomplu jindirizzaw applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi, inkluż billi jsaħħu l-parteċipazzjoni fl-EMPACT u jkomplu jorganizzaw kampanji ta' informazzjoni mmirati. Il-kapaċità ta' akkoljenza ta' xi sħab tal-Balkani tal-Punent tkompli tqajjem tħassib ukoll. Il-ftehimiet dwar l-istatus tal-Frontex mal-Maċedonja ta' Fuq u mal-Bożnija-Ħerzegovina jeħtieġ li jiġu konklużi u implimentati.

Sabiex jiġi żgurat li l-migrazzjoni u s-sigurtà huma ġestiti tajjeb – kundizzjoni sottostanti għall-issodisfar kontinwu tal-parametri referenzjarji – il-pajjiżi kollha koperti għandhom jallinjaw il-politika tagħhom dwar il-viżi ma' dik tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk il-pajjiżi terzi li jippreżentaw riskji ta' migrazzjoni irregolari jew tas-sigurtà għall-UE. Il-Kummissjoni tistenna bil-ħerqa li jittieħdu passi konkreti mis-sħab rilevanti kollha u dan se jkun tema importanti għad-djalogu li jmiss. Se tibqa' attenta wkoll għal kwalunkwe spostament possibbli ta' wasliet bejn is-sħab xprunat minn aċċess mingħajr viża. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tkompli tinsisti sabiex dawk il-pajjiżi li joperaw skemi ta' ċittadinanza b'investiment jeliminawhom gradwalment. Dan huwa neċessarju sabiex jiġi evitati ċirkomvenzjonijiet possibbli tal-proċedura tal-viża tal-UE għal soġġorn qasir u tal-valutazzjoni fil-fond tar-riskji migratorji u tas-sigurtà individwali li jinvolvu. Din il-kwistjoni hija ta' tħassib saħansitra akbar għall-UE fil-kuntest tal-aggressjoni militari li għaddejja tar-Russja kontra l-Ukrajna³⁶. F'każ li l-għoti ta' ċittadinanza fil-kuntest ta' skemi ta' ċittadinanza b'investiment jitqies li jikkostitwixxi riskju akbar għas-sigurtà interna u għall-ordni pubbliku tal-Istati Membri, is-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża tista' tiġi sospiża.³⁷

Fil-kooperazzjoni ġudizzjarja, fl-ordni pubbliku u fis-sigurtà, l-Istati Membri jirrapportaw ukoll kooperazzjoni ġenerali tajba mat-tmien pajjiżi kollha. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-frodi finanzjarja, il-ħasil tal-flus, u l-korruzzjoni.

Il-liberalizzazzjoni tal-viża kienet parti importanti mill-kooperazzjoni tal-UE dwar il-migrazzjoni, is-sigurtà u l-ġustizzja mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u tas-Sħubija tal-Lvant. Tiffaċilita l-mobilità u l-kuntatti bejn il-persuni, u tista' wkoll twassal għal riformi importanti tal-politika f'dawn il-pajjiżi. L-iżviluppi reċenti fil-politika tat-tkabbir tal-UE, bil-perspettiva tal-Ukrajna, tal-Moldova u tal-Georgia li jsiru membri tal-UE li ġiet irrikonoxxuta³⁸, jagħmlu l-implimentazzjoni tal-parametri referenzjarji tal-liberalizzazzjoni tal-viża u s-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni

³⁶ Ir-riskji relatati mal-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment — fir-rigward tal-Istati Membri — ġew enfasizzati wkoll fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Marzu 2022 dwar passi immedjati fil-kuntest tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna fir-rigward ta' skemi ta' ċittadinanza b'investiment u skemi ta' residenza b'investiment, C(2022) 2028 final. Barra minn hekk, f'riżoluzzjoni tad-9 ta' Marzu 2022, il-Parlament Ewropew ippropona li l-waqfien tal-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment jiġi inkluż fil-kriterji tal-ażil.

³⁷ F'dan ir-rigward, ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/366 tat-3 ta' Marzu 2022 dwar is-sospensjoni parzjali tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Vanuatu dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perjodu qasir (ĠU L 69, 4.3.2022, p. 105).

³⁸ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, it-23 u l-24 ta' Ġunju 2022.

objettiv saħansitra aktar importanti kemm għall-UE kif ukoll għall-pajjiżi kandidati u għall-pajjiżi kandidati potenzjali.

Għalhekk, il-monitoraġġ mill-qrib ta' dan il-proċess se jkompli, inkluż permezz ta' laqgħat bejn uffiċjali anzjani, il-laqgħat regolari tas-sottokomitati għall-Ġustizzja, għal-Libertà u għas-Sigurtà, u d-diskussjonijiet bejn l-UE u l-pajjiżi koperti fir-rapport. Il-monitoraġġ tal-aspetti relatati mal-parametri referenzjarji tal-liberalizzazzjoni tal-viża se jkompli jiġi inkluż ukoll fil-pakkett annwali tat-tkabbir tal-Kummissjoni.